**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Borg)**

**-vs-**

**John Mary Magro, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 451255M**

Illum, 23 ta' April, 2025

*Kumpilazzjoni Nru. 658/2019*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **John Mary Magro** u ċioè` talli:

> **Billi bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku u/jew fil-kapaċità tiegħu personali u/jew ta' rappreżentant legali tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali akkużat** talli f'Malta u/jew barra minn Malta, fil-perjodu ta' bejn is-snin 2013 u 2016:
>
> 1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment tal-**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u/jew Agencia d'Ecologia Urbana de Barcelona u/jew tal- Unjoni Ewropea;**

2. Għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-detriment tal-**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u/jew Agencia d'Ecologia Urbana de Barcelona u/jew tal-Unjoni Ewropea;**

3. Approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma li tammonta għal aktar minn ħamest elef ewro (€5,unc000), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-detriment tal-**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u/jew Agencia d'Ecologia Urbana de Barcelona u/jew tal-Unjoni Ewropea;**

4. In konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom hu ma kellux jedd, u l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew ta' l-offerta, kienet sabiex bħala uffiċċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

5. Talab xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fl-artikolu 121A (1) tal-Kapitolu 9;

6. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha tagħrif falz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta-Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħati jħallas id-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Mejju, 2023[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 310A, 121C, 121D, 248E(4), 328K tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.533-534

4. Fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 115(1)(a), 115(1)(b) u 115(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 121A(2), 121A(1), 121A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 119 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. Fl-artikolu 121 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. Fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
14. Fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
15. Fl-artikoli 23 u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
16. Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena;

Ħadet konjizzjoni tan-nota tal-imputat ppreżentata fit-8 ta' Novembru, 2024;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta' Marzu, 2024.

**Il-Provi**

Is-**Supretendent Yvonne Farrugia** spjegat kif meta kienet Spettur fit-Taqsima Kontra r-Reati Ekonomiċi ġiet assenjata investigazzjoni li tittratta xiri ta' makkinarju ta' kompost fejn l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali resqet allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat. Ingħatat żewġ rapporti, wieħed mill-IAID, fejn kien sar *audit* dwar il-proċess tat-*tendering* għal din il-magna, u

[2] Fol.541

rapport ieħor mill-Kummissjoni Permanenti għal Kontra l-Korruzzjoni fuq allegazzjonijiet fil-konfront ta' Magro minn ċertu Victor Bonello.

Jiġi mill-ewwel emfasizzat li kwalunkwe ħaġa ikkonstatata f'dawn ir-rapporti, sakemm ma tiġix ppruvata permezz ta'xiehda u evidenza ammissibbli u ċioè *first-hand evidence* – kif per eżempju hu dak kollu li xehed Disma Attard meta *viva voce* jikkonferma u jistrieħ fuq dak li ntqal minnu fil-proċeduri quddiem il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni - tibqa' *hearsay* mingħajr ebda valur probatorju. Madanakollu l-Qorti qed tagħmel riferenza għal dak ikkonstatat f'dawn iż-żewġ rapporti sempliċiment biex jingħata *background* għal kif żvolġew l-investigazzjonijiet tal-Pulizija (Para. Ċ aktar l-isfel) wara li wassluha dawn l-imsemmijin rapporti.

### A. Investigazzjoni tal-IAID

Mir-rapport tal-IAID rriżulta li minn analiżi tad-dokumentazzjoni li tirrigwarda l-ISCOW, il-proċess tat-*tendering* tal-*electromechanical composter*, il-proċess tat-*tender* kien vizzjat għal erba' raġunijiet:

a. *Kien hemm* ***konflitt t'interess*** *peress li kien* ***konsulent speċjali*** *fuq proġetti li setgħu isiru minn fondi tal-Unjoni Ewropeja (UE) u fl-istess ħin kien* ***familjari ma Abdun Beitia****, r-rappreżentant tal-kumpanija Kollvik Recycling SL.*

*Email* datata 24-25 ta' Lulju 2014 li ġiet mgħoddija lill-Pulizija minn Victor Bonello, turi kif Magro għadda l-*email address* u *mobile number* ta' Beitia lil Bonello. Kollvik kienet kumpanija li tissupplixxi magni li l-Kunsill Lokali kien interessat jakkwista permezz ta' *tendering*. Fl-istess *email* Magro ippropona laqgħa ma Bonello biex jiddiskutu ***"our commercial take into this too"***.[3]

Magro informa lil Bonello li t-*tender* kienet ser jkun *online* mit-30 ta' Lulju, 2014 – **jiem qabel mat-*tender* ġiet pubblikata** - u li tagħlaq fit-12 ta' Settembru, 2014.

L-IAID rrimarkaw kif il-*contact details* ta' Beitia ma kienux aċċessibbli *online* u kif fil-fatt it-*tender* ġiet pubblikata fid-data li jsemmi Magro.

Farrugia tispjega kif il-proċess intjier kien jirrigwarda:
(i) x-xiri tal-art kif ingħad, wara
(ii) kellu jinbeda l-proċess tax-*shed*/it-tinda u fl-aħħar,
(iii) ix-xiri tal-magna li l-skop tagħha kien li jinġabar il-*waste* ta' lokalitajiet li jiġi trasformat f' *organic material.*

[3] Fol.16-17

Dwar ix-xiri tal-art kien hemm *expression of interest* waħdanija minn Disma Attard u Victor Bonello. Rigward it-*tender* għall-makkinarju, Bonello rċieva *email* mingħand Magro fejn dan tal-aħħar tah informazzjoni sabiex jagħmel offerta aktar attraenti minn dik ta' kompetituri oħra. Kien għalhekk li nħoloq konflitt t'interess għal Magro meta hu qed jgħaddi dettalji lil Bonello meta kien propju hu, bħala membru fuq l-*Adjudicating Board* li kellu jagħżel l-offerta rebbieħa![4] **Bil-fatt li Magro kien qiegħed diġà għadda dettalji ta' Beitia lil Bonello juri li Magro diġà kien iddeċieda li l-magna kienet ser tinxtara mingħand l-istess Beitia,** u allura kien diġà qed jiltaqa' ma nies u jgħaddi d-dettalji ta' Beitia biex iġibu *quotation*s u jippreżentaw l-offerta tagħhom. Altru li dan l-għemil kien jikkostitwixxi konflitt t'interess.

Irriżulta wkoll li fl-ewwel *tender* għall-makkinarju Kollvik ippreżentaw l-offerta tagħhom tramite żewġ kumpaniji Maltin, Attard Farm Supplies u PT Matic. Bonello u impjegat ta' Disma Attard ħadmu fuq offerta/*quotation* li spiċċat ma kienitx intefgħet minn Attard wara li Bonello kien tahielu biex tittieħed l-uffiċju ta' *tendering* u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar spiċċaw li <u>qatt ma għamlu l-offerta tagħhom</u>. Wara li l-bidder rebbieħ – Smart Consultancy Ltd.[5] - ma onorax il-kundizzjonijiet tat-*tender* l-ewwel proċess ta' *tender* tħassar.[6] Fl-2015 imbgħad reġa' nħareġ *tender* ieħor għall-istess skop li ntrebaħ minn Kollvik. Ghal dan it-*tender* kien hemm biss żewġ *bids*, bl-oħra tkun din ta' Victor Bonello.[7]

**Il-mertu ta' dan il-każ hu iffokat fuq l-ewwel *tender* għall-makkinarju, *tender* li kif intqal inħarġet l-ewwel darba fit-30 ta' Lulju, 2014 iżda kellha terġa tinħareġ fl-2015 fejn intrebħet minn Kollvik.**

Farrugia rrakontat kif ġabret dokumentazzjoni mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (aktar il-quddiem tiġi riferuta bħala 'AKL") fosthom tat-*tendering proċess* kollu. F'wieħed mill-files tat-*tendering document* rigward SCAW kien hemm dokument oriġinali ffirmat mill-imputat u ċioè *Declaration of Impartiality and Confidentiality* datat it-12 ta' Settembru 2014 li ma għandu l-ebda konflitt t'interess u li fir- rwol tiegħu ser jaġixxi imparzjalment skond ir-regolamenti.

Fir-rapport tal-IAID jissemmew *Guidelines For Determining Financial Correcions To Be Made to Expenditure Financed by the Union under Shared Management for Non-Compliance with the Rule on Public Procurement,* fejn skond dawn il-*guidelines* <u>kemm il-darba</u> **<u>jiġi stabbilit li hemm konflitt t' interess, il-proċess kollu jaqa'</u>**

---

[4] Fol.18

[5] Fol.57

[6] Fol.18-19

[7] Fol.57

**w il-fondi li toħroġ il-UE jkollhom jiġu rimborsati 100% mill-awtorità pubblika jew persuna li ibbenefikat minnha**.

b. Nuqqas ta' trasparenza u nuqqas ta trattament ugwali fir-rigward tat-tieni *tender* li kienet ħarġet fl-2015 fejn Kollvik rebħet l-offerta.

Beitia, CEO u Managing Director ta' Kollvik, applika tramite l-imsemmija kumpanija, filwaqt li Bonello applika f'ismu personali. Għalkemm il-*quote* ta' Bonello kienet anqas fis-sens li l-magna kienet ipprezzata anqas minn dik ta' Kollvik, Bonello kien ippropona *payment terms* differenti minn dak rikjest fit-*tender document* u b'hekk l-offerta tiegħu ġiet eskluża mill-ewwel.[8]

L-IAID irrimarkat ukoll li f'*email* mibgħuta f'Awissu 2015 minn Magro lil Beitia, wara li kienet intrebħet il-*bid*, dan talbu sabiex fi żmien 48 siegħa jipproduċi dokument li kellu jkun mehmuż mat-*tender* skond l-artikolu 16.1G1 tat-*tender*, liema dokument Beitia pproduċieh f'ħin ta' sagħtejn.

Madanakollu l-artikolu 30.2 tal-'Administrative Compliance' tat-*tender document* jgħid *"no rectification shall be allowed in respect of the document as outlined in sub-clause16.1"*. dan l-artikolu jistipula li kemm il-darba id-dokument in kwistjoni ma jkunx ġie mehmuż mal-offerta, dik l-applikazzjoni kellha tiġi eskluża. F'każ li dan id-dokument nieqes jiġi aċċettat kellha titħallas *penalty fee* ta' €50 li din ma ntalbitx minn Kollvik filwaqt li l-offerta ta' Bonello ġiet eskluża mill-ewwel għaliex ma kienitx konformi ma dak rikjest fit-*tendering document*. Dan ifisser li **kien biss wara li t-*tender* kienet diġà intrebħet minn Kollvik li din intalbet tipproduċi dan id-dokument bi vjolazzjoni tal-artikolu 30.2!**

c. L-IAID rimarkat ukoll kif l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma kienitx qed tirrispetta l-*method payments*.[9]

Dan il-fatt ġie rimarkat dwaru propju minħabba li l-offerta ta' Bonello ġiet eskluża *ab initio* minħabba li kien ippropona *payments methods* differenti minn dawk stipulati fit-*tender document*. Għall-kuntrarju, fil-każ ta' Kollvik għalkemm kien ġa tħallas l-ammont kollu sa sitt xhur qabel, irriżulta li kien biss fl-20 ta' Lulju 2016 li saret l-*installation* tal-*composter* kkumissjonat minn Kollvik! Minn *spot check* magħmul mill-IAID nhar it-13 ta' Ġunju 2016, l-apparat ma kienx qed jitħaddem tant li lanqas kien hemm dawl ma fejn kellha titqabbad. *Follow-up visit* seħħet fis-27 ta' Lulju 2016 u dakinhar rawha taħdem imma ndunaw li ma kienux mxew mal-*payment terms* stipulati fit-*tender document* li kien hemm

[8] Fol.19
[9] **Dok.YF4** a fol.54-65

obbligu li jimxu magħhom.[10] Dan meta Magro kien informa lil ċertu Gemma Nuhales Duarte li l-bid ta' Bonello *"was not compliant since he requested terms of payments diffreent than those established in the tender document"*.[11]

d. L-IAID ma naqsux milli jirrapportaw kif l-AKL kienet infurmat lil Beitia li kien ir-rebbieħ tat-*tender* fl-1 ta' Settembru 2015 permezz ta' *email* mibgħuta mill-imputat. Issa l-artikolu 1.3 tat-*tender document* kien jistipula li l-magna kellha tiġi konsenjata fi żmien tlettax (13) il-ġimgħa minn meta s-*supplier* jiġi nfurmat li rebaħ it-*tender*, li jfisser fl-aħħar ta' Novembru 2015 iżda l-magna wasslet fil-11 ta' Diċembru, 2015.[12]

## B. Investigazzjonijiet mill-PCAC[13]

Farrugia kompliet li abbażi tal-*email* li Magro kien bagħat lil Bonello fejn jgħidlu *"I need to meet you to discuss our commercial take in this"*, il-PCAC sab li dan kien iwassal għal ksur tal-artikli 112, 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk il-konklużjonijiet tiegħu ntbagħtu lil Avukat Ġenerali sabiex tiġi involuta l-Pulizija.

Farrugia kompliet li in segwitu saret tfittxija fl-uffiċju tal-AKL minn fejn inġabru 19 il-file li kellhom x'jaqsmu mal-SCAW *tendering* proċess, l-istess dokumenti li ħadmu fuqhom l-IAID. Erba' dokumenti oħrajn inġabru mis-Surġent 251 Christian Abela.[14]

## C. Investigazzjoni tal-Pulizija

L-Ispettur Farrugia għaddiet biex tiddeskrivi kif żvolġew l-investigazzjonijiet tagħha rigward dan il-każ wara li l-Pulizija rċeviet dawn ir-rapporti fuq it-*tender* proċess tal-makkinarju li kien mifrux bejn l-aħħar ta' 2014 sal-2016.

Hi tkellmet ma Disma Attard li hu *waste and scrap dealer* u li għandu l-kumpanija tiegħu DTE Attard Limited li tinsab f' Ħal Luqa. Attard spjega kif flimkien ma Victor Bonello kienu ser jdaħħlu *expression of interest* iżda l-applikazzjoni ma

---

[10] Fol.20-21
[11] Fol.21
[12] Ibid.
[13] Permanent Commission Against Corruption. Rapport **Dok.YF3** a fol.37-53
[14] Fol.22. Dawn jikkonsisitu f' *Offer for tender submitted by PT Matic, original A1200 rocket; Offer for tender submitted by PT Matic original Kollvik Biocomp 1545*; Black file *SCAW* u Black file iehor intestst *SCAW documents 2012 and 2013*. Vide ukoll xiehda ta' **Leanne Cassar** a fol.492 et seq u **Dok.LC1** u **Dok.LC2** a fol.496 et seq

kienitx saret. Semma kif Bonello kien qallu li l-imputat talbu jagħtih xi flus jew favuri għar-rigward ta'*composter tender proċess.* Attard qalilha:

> *"jiena qatt ma talabni flus lili,* ***qalli pero' Victor kien ġie qalli li talbu xi flus u jien kont ghidtlu li jekk Jimmy Magro jrid ghaxart elef imur jaħdem.*** *Irrid nghid li meta qalli dan id-diskors Disma Attard, jiena ma kont ghadni semmejtlu l-ebda flejjes, l-ebda cifra jigifieri din harigha minn jeddu din is-somma. Fil-fatt imbaghad kont staqsejtu wkoll fiz-zmien li kontu qed taghmlu l-applikazzjoni Victor Bonello ġie qallek xi haġa fuq Magro u kien qalli li talbu xi flus u jekk Jimmy Magro jrid ghaxart elef imur jaħdem."*[15]

Ġie mitkellem ukoll Victor Bonello u dwar dan tixhed:

> *"Huwa kien kellimni b'mod passjonali fuq dan il-waste project għax kien qal illi kien dejjem joghgbu dan is-suggett. ...... Fil-frattemp qalli li sar jaf b'dan il-proġett tal-local council association fejn hemmhekk kien tkellem ma' Disma Attard għax kien jaf li għandu din il-bicca art li hija tajba biex isir l-operat fuqha u minn hemmhekk bdiet l-istorja tal-*bids *u tat-tenders tal-electomechanical composter. …… Spjegali l-fatt li diga' ghidt x'gara fl-ewwel tender u mbagħad dahalli ukoll fid-dettal ghar-rigward tal-email u kif ukoll qalli li din l-email ghadha ghandi. Konna fil-fatt, kont hadt lis-Sur Bonello fl-ufficini tas-Cybercrime fejn kien ġie fl-ufficcju tieghi bil-laptop u hemmhekk flimkien mas-Cybercrime konna accessajna l-laptop tiegħu u konna* <u>*nizzilna l-emails direttament minn fuq il-laptop tas-Sur Bonello*</u> *fejn ukoll eventwalment se jigu pprezentati. ….* ***l-email kien irceviha minn fuq jimmy.magro@gmail.com*** *li hija l-email tas-Sur Jimmy Magro u kien qalli l-email tieghi hija bonvic.rate@gmail.com u li din l-email meta rceviha Victor Bonello mingħand is-Sur Magro kien intalab biex jiltaqa' miegħu u fil-fatt jgħid illi fil-fatt kien iltaqa' miegħu in continuation pursue into this email. Jghid li ltaqghu l-Pavi, l-cafetteria fil-Pavi u f'dik il-gurnata* ***Magro kien qallu illi huwa lest li t-tender jirbhuh, huwa lest li jrebbahom it-tender,*** <u>*ovvjament in return kellu xi spejjez dak iz-zmien is-Sur Magro fosthom xi taxxa pendenti, xi taxxa xi jhallas u xi holiday li kien għamel u kienet ghadha dejn jew inkella ried jikkaverja xi spejjez u li allura qallu li* ***kien qed jippretendi li ta' din jaqla' xi haġa.***</u> *Ovvjament Bonello infurmah illi dan ma kienx se jidhol għaliha waħdu u allura ried ikellem lil Disma pero' meta Bonello mar ikellem lil Disma, qalli Bonello illi Disma qas biss ried jaf bih u qallu jekk irid il-flus imur jaħdem, jigifieri din ir-request ovvjament ma kinitx ġiet milqugha."*[16]

[15] Fol.22-23
[16] Fol.24-25

Interrogazzjoni tal-Imputat

Farrugia żżid li interrogat lill-John Mary Magro li kien spjegalha kif beda jaħdem *full-time* fil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, imbagħad fl-2013 qaleb bħala *part time* bħala *special consultant* mal-AKL fejn kien jaħdem fuq proġetti li l-Unjoni Ewropea tiftaħ għall-pajjiżi membri biex ikunu jridu jiżviluppaw xi proġetti u jinġiebu fondi għalihom. Hu innega l-allegazzjonijiet kollha.[17]

Fl-istqarrija[18] tiegħu Magro jgħid li kien jamministra proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropeja wara li tkun saret riċerka fuq sejħiet li jkunu nfetħu. Hu kien jagħmel ir-rapport t'evalwazzjoni tat-*tender*s li kien jitla mal-file tat-*tender* għand l-Eżekuttiv għall-approvazzjoni. Mitlub jispjega kif kien jikkonkludi r-rapport tiegħu jwieġeb *"Fil-maggioranza l-kbira tat-tenders kont nimxi fuq il-prinċipju tal-best price, l-orħos offerta"*.[19] Dwar il-proġett SCOW[20] hu kien il-*project leader*. Malta kienet ġiet ikkuntattja minn Spanja li kienet il-*lead partner* l-AKL iddeċidiet li ssir membru f'dan il-proġett peress li t-tema tiegħu kienet torbot mal-pjan nazzjonali tal-immaniġġjar tal-*waste* f'Malta b'mod speċjali fis-separazzjoni u riċiklaġġ tal-iskart. Għal dan il-proġett inħarġu diversi *tender*s, *tender* għal konsulent, *tender* għal *composter* ħarġet darbtejn, *tender* tal-*bins* u oħra għal kostruzzjoni tat-tinda.[21]

Dwar ir-relazzjoni ma Victor Bonello jiddikjara, *"Mill-memorja lil Victor Bonello darbtejn kellimtu, darba meta kien jaħdem mal-Marsovin, u darba kien jaħdem ma' Montecristo Wines. Jien kont kellimtu minħabba xi donation tal-inbid u li konna qeghdin nigbru għall-kandidati prospettivi. Dan snin ilu u qabel il-proġett SCOW."*

Muri l-*email* li Bonello għadda lil pulizija u cioè dik datata l-24 ta' Lulju 2014 fis-7:45pm mibgħuta minn jimmy.magro@gmail.com lil bonvic.trade@gmail.com staqsejtu dan l-*email* intbagħat minnek, jikkonferma li dak l-*email "minn kif jidher huwa tieghi."*[22]Dwar din l-*email* jistqarr:

> *"iI-background kien li l-provvista tal-composter kien parti essenzjali u bazika għall-ezekuzzjoni tal-proġett. Meta konna qeghdin naghmlu r-riċerka dwar min jista' jissupplixxi l-composter u tlabna ghajnuna anki mill-partners, sibna li kien hemm supplier wieħed biss. Ma' wieħed ghamilna kuntatt. U biex ahna jkollna assikurazzjoni li jsir il-proġett u min jitfa' t-tender ikun kapaci jonorah ahna xtaqna li l-bidders ikunu Maltin. Infurmajt lil Victor Bonello li hemm din il-possibilta' iżda bil-proviso li x-xogħol li se jissottometti jrid ikun first class submission as we have strict evaluation*

[17] Fol.25
[18] **Dok.YF2** a fol.32 et seq
[19] Fol.33
[20] *Selective Collection of the Organic Waste in Tourist Areas*
[21] Fol.34
[22] Ibid.

*regulations u dak ifisser li se jikkopeti ma' kompetituri ohrajn minghajr ma jingħata ebda vantagg. Nerga' ntenni li l-email minnha nnifisha turi li ma kien hemm ebda proċess ivvizzjat. Nixtieq inzid illi ahna ghamilna riċerka dwar is-suppliers minħabba l-fatt li l-proġett kien originarjament ibbazat fuq open waste disposal li għal Malta ma kienx accettabli min-naha tar-regolamenti ambjentali. Mill-aspett tekniku kellna proposta mill-konsulent tekniku biex isir composter u minħabba li ridna naghmlu significant budget changes, ridna li jkollna stima kemm jiswa composter immudellat għall-proġett, sabiex ikun sottomess lil lead partner. Dan sabiex ikun kjarifikat li meta ghamilna l-kuntatt ma' Kollvik, il-kuntatt sar biex tinkiseb din l-informazzjoni u qatt ma kien hemm l-ebda irbiet li Kollvik se jingħata xi preferenzi waqt il-proċess tal-evalwazzjoni tat-tender. … ir-riċerka saret qabel il-ħruġ tat-tender tal-composter."*[23]

Kien ikollu kuntatt mal-Managing Director Abdon Beitia – isem li kellu jiġi suġġerit minn Farrugia - li għal Magro *"kien il-focal point tal-kumpanija"*. Muri d-*Declaration of Impartiality and Confidentiality*[24] jisħaq li dejjem mexa b'mod imparzjali, iddefenda l-interessi tal-AKL u żamm ir-regola ta' kunfidenzjalità.[25]

Inland Revenue Payments

Tenut kont li Bonello kien qalilha li Magro semma ċ-ċifra ta' €10,000 peress li *inter alia* kellu xi ħlasijiet b'lura mal-Inland Revenue Department, l-investigatur kompliet tispjega dak li rriżulta mill-analiżi tal-kontijiet bankarji tal-imputat:

*"...f'wieħed mill-kontijiet mir-rendikonti tal-bank waqt l-analizi kont innutajt illi l-pagamenti li kienu jsiru lil Inland Revenue Department, il-perjodu tal-analizi kien bejn l-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Dicembru 2016 kien jidher illi s-Sur Magro kien għamel diversi pagamenti lil IRD matul kull sena. Kull sena kien jagħmel diversi pagamenti kull ftit xhur. Issa meta tikkompara s-snin tat-2013, il-pagamenti li kien jagħmel kienu ta'[€300, €300, €300, €233].*[26] ***Pero' meta morna ghas-sena 2014, is-sena 2014 il-pagamenti kienu [€1,440, €1,000, €1000, €1,000, €1,000] jigifieri huwa dan jikkombaca ma' dak li qalilna Victor Bonello illi ovvjament Victor Bonello ma kellux access ghar-rendikont tal-bank ta' Magro*** *pero' Victor Bonello kien qal illi meta kien mar ikellmu l-Pavi, dan is-Sur Magro beda jilmenta illi għandu kontijiet pendenti mal-IRD u li jrid iħallas il-kontijiet u li allura qed jippretendi xi hamest elef u hamest elef u fil-fatt ghas-snin tal-2015 kull ma kien hemm żewġ pagamenti li wkoll kienu ammonti [€1781 u €1780] u 2016 regghu nizlu. Kull ma kien hemm erba' pagamenti ta' [€429] u tliet pagamenti ta'[ €1,000] each. Jigifieri compared ma' snin oħra, 2014 is-Sur Magro hallas [€5, 440] taxxa lil IRD u dawn hallashom mill-15 ta' Settembru 2014 sal-31 ta' Dicembru 2014, jigifieri fl-ahhar tliet xhur tas-sena. Innutajt*

[23] Fol.35

[24] Ipprezentat bħala **Dok.YF9** a fol.87

[25] Fol.35

[26] Vide fol.152, 156 ammonti ta' €300 f' Novembru 2013; ammont ta' €1,000 f' Settembru, Ottubru, Novembru, Dicembru 2014 (fol.169, 170, 172, 174); €1,780.00 f' Diċembru 2015 (fol.192. Ammonti mħallsa mill-kont *****2021. Minn kont ****23452 tħallsu f'Ottubru 2016 €429.00,€1,000 (fol. 225, 226), Novembru, Diċembru 2016 €1000 kull darba (fol.226-227

*ukoll mill-kontijiet bankarji illi fil-perjodu illi ntbaghtet l-email u li allura fejn kellhom jiltaqghu, apparti li Magro kien regolarment ikun fl-area tal-Pavi, f'dak il-perjodu kellu wkoll xi transactions mill-ATM jigifieri jidher li Magro kien il-Pavi. Apparti minn hekk kien hemm ukoll transaction oħra illi kif semmejt iktar kmieni illi meta t-tieni tender kienet intrebhet minn Kollvik u li allura suppost kellhom il-pagamenti johorgu fit-tlieta ten percent, ten percent u eighty percent skont il-proċess tal-magna, l-ahhar pagament li kien l-iktar pagament gholi ha nghidu hekk kellu suppost, mela allura jekk nimxu skont it-tender document jghaddi f'Lulju tal-2016 meta dan kien ghadda fid-29 ta' Jannar 2016 u li fil-kontijiet bankarji tas-Sur Magro sibt transazzjoni fid-9 ta' Frar 2016 ta' depozitu fil-kont bankarju tiegħu ta' xi kwazi tnax-il elf ewro u dan allura jiġi ftit granet wara li l-pagament tal-local council association kien ghadda lil Abdun Beitia.".*[27]

Jingħad mill-ewwel li din l-aħħar allegazzjoni ma ġiet sostanzjata bl-ebda mod. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova dan billi titlob lil bank jipproduċi informazzjoni dwar minn fejn oriġina dan il-pagament kif ukoll li tressaq bħala xhud lil Beitia iżda ma sar xejn minn dan!

Ġew esibiti mis-Supretendent Farrugia r-rapporti tal-Internal Audit and Investigations Department (IAID)[28] u tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (PCAC).[29] Magħhom esebiet żewġ irċevuti li nħarġu lil AKL għad-dokumenti li nġabru mill-uffiċju tal-assoċjazzjoni waħda ghad-19 il-file li nġabru minnha[30] Ippreżentat ukoll korrispondenza relatata man-*notice of arrival* u *delivery note* tal-magna kif ukoll dokumentazzjoni dwar l-importazzjoni tagħha.[31]

Farrugia ppreżentat il-*payment voucher* fl-ammont komplessiv ta' €172,870 għal *SCOW-one in vessel composting plant* li l-ħlas għaliha kien maqsum fuq 3 pagamenti ta 10% fit-02/12/2015, 10% oħra fil—14/12/2015[32] u l-80% rimanenti li jammontaw għal €138,296.00 fl-15/12/2015.[33]

**L-Spettur Wayne Borg** ippreżenta tlieta u għoxrin (23) *ring file* li huma d-dokumentazzjoni miġbura mill-AKL[34] li lista tal-ewwel dsatax li nġabru mis-Supretendent Farrugia ġiet esibita minnha.[35]

---

[27] Fol.27-28
[28] **Dok.YF4** a fol.54 et seq
[29] **Dok.YF3** a fol.37 et seq
[30] **Dok.YF5** a fol.66-67
[31] **Dok.YF6** a fol.72 et seq
[32] It-tnejn għal €17,287.00
[33] **Dok.YF10** a fol.88-96
[34] **Dok.WB1-WB23** a fol.250
[35] **Dok.YF13** a fol.248. Xiehda a fol.29

**PS251 Christian Abela** kkonferma kif f'Ottubru 2017 kienet saret tfittxija fl-AKL mmexxija mill-Ispettur Yvonne Farrugia minn fejn inġabru dsatax (19) il-file. F'April 2018 ġabar files oħra mill-uffiċju ta' Mario Fava. Kien xhud tal-istqarrijiet rrilaxxati minn Bonello, Attard u Magro. Abela kkonferma l-irċevuti[36] li juru l-firma tiegħu.[37]

**PS161 Joseph Louis Xerri** jiddeskrivi kif assista lill-Ispettur Farrugia biex fil-5 ta' Settembru 2017 ippreservaw diversi *email*s li jikkonċernaw kommunikazzjoni bejn ċertu antoinedalli@gov.mt u bonvic.trade@gmail.com. Oħrajn bejn av.politech.com u bonvic.trade@gmail.com u oħra bejn **jimmy.magro@gmail.com u bonvic.trade@gmail.com**.[38] Kif ġew preservati l-*email*s ħareġ l-*email headers* biex juri minn fejn l-*email* oriġinat u dawn ġew annessi fir-rapport tiegħu.[39] L-*email*s ġew estratti mill-*email* ta Victor Bonello dakinhar stess li Bonello, fl-uffiċju tas-Cybercrime, aċċessa l-*email* tiegħu bil-password tiegħu w nħarġu minn dak l-*email* dejjem fil-preżenza tiegħu. Ġew stampati, merfugħa w annessi fir-rapport ppreżentat minnu.[40]

**Victor Bonello** beda d-depożizzjoni tiegħu billi spjega kif kien ilu jagħmel l-almu tiegħu biex f'Malta tiddaħħal sistema ta' *composting*. Meta sema' bit-*tender* tal-SCOW hu rah bħala *pilot project* biex juri li *composting* kien *feasible*. Peress li t-*tender* kien jirrikjedi li min jitfa t-*tender* ikollu l-art bil-permess li jista' jaħdem l-iskart fuqha, avviċina lil Disma Attard li kellu *scrapyard* Ħal-Luqa w bagħatu jiġbor t-*tender*:

> *"In the meantime jiena kkuntattjajt ukoll lil dan Abdon tal-Kollvik.* ***Sadattant kellna laqgħa jiena u Jimmy Magro l-Pavi, l-kafetterija fejn Jimmy Magro spjegali li kien għadu gej minn vaganza …. u kien nefaq hamest elef u li għandu jaghti hamest elef lil tat-taxxa u allura qed jippretendi li minn din l-affari jagħmel mill-inqas ghaxart elef. S'issa ma kontx naf jekk hux ewro jew liri Maltin imma ghaxart elef tkellimna jiena u Jimmy Magro.*** *Jien ghidtlu jiena ma nistax intik risposta, rrid inkellem lil Disma għax qeghdin shab fiha l-istorja. Mort lura u ghidt lil Disma. Disma qalli ma tarax, qalli hekk irid imur il-vaganzi u dan qalli jaħdem u jmur il-vaganza, qalli mhux se nhallsuhom ahna. Ghax jien ghidtlu lil Disma, ghidtlu jien mhux lest nohorg lira ghidtlu għax m'ghandix minn fejn u* ***jien ergajt iltqajt ma' Jimmy Magro, ergajt il-kafetterija tal-Pavi u ghidtlu u Jimmy Magro rrabja u qalli jigifieri qalli ma tajtx it-tender lil Pawlu Xuereb qalli se ntiha lilkom u***

[36] Fol.68-69
[37] Fol.321-323
[38] Fol.337
[39] **Dok.JLS** a fol.335 et seq
[40] Fol.328-333

***jien ma jmissni xejn, qalli ha nkellem lil Disma jien.***[41] *… mbagħad ircevejt telefonata mingħand id-****Disma qalli ejja ha nkellmek, qalli għax ġie dak il-hanzir*** *qalli u ltqajna s-Sibt,* ***mort għandu s-Sibt, għand id-Disma. Qalli ġie hawn ma' Chris Cassar, qalli tal-Delong [King Long], qalli pprova jgeninni biex ma nahdimx mieghek, qalli ma' Chris, qalli u talabni hamsa u għoxrin elf u hemm l-ghaxra saru hamsa u għoxrin elf ewro. Hemmhekk kienet it-transaction bejn l-ghaxra u l-hamsa u għoxrin elf***[42] *…. It-tender kien jaghlaq xi l-ghaxra u dakinhar inzertajt kelli bord għax jiena kont u ghadni fuq il-bord tac-censura u nzilt għax kelli bord u l-impjegati ta' Disma qaluli għadu ma giex id-Disma u cempilnilu u ma bediex jirrispondi. Anyway jiena tlaqt, dhalt il-Belt hawn għall-bord li kelli u x'hin lestejna xi l-ghaxra u nofs, il-hdax, cempiltlu jien lid-Disma biex nghidlu ejja ha mmorru niccelebraw, ghidtlu erbahnih hux it-tender. Qabez hu u qalli lanqas biss tfajtu, ghidtlu ma tfajtux għalfejn. Qalli għax bqajt rieqed, ghidtlu bqajt rieqed, qbadt il-karozza, inzilt gas down Hal Luqa, irrabjajt hafna mad-Disma, irrabjajt bl-ikrah, specjalment meta d-Disma ma jafx jaqra, meta fuq id-desk kellu file ta' Chris Cassar [King Long], fuq id-desk tiegħu u dan qed jghidli li ma jafux, iltaqa' miegħu l-ewwel darba meta Jimmy Magro hadu r-razzett. Ghax jien ghidtlu laghbtni, ghidtlu Disma ghidtlu laghbtni ma' Chris Cassar mela allura inti, qalli le qalli lanqas nafu. Ghidtlu ma tafux, ghidtlu ghandek il-file hawn quddiemek."*[43]

Gara li f'Awissu 2015 Abdon Beitia ċempillu w qallu li Cassar kien *in default* u waqa t-*tender* u b'hekk it-*tender* kien ser jerġa joħroġ u kemm l-Ispanjol kif ukoll hu stess daħlu *tender* għal magna għal rashom.[44] Bonello *ittender*ja bil-Euraform u meta ra li fit-*tender* kien hemm klawżola dwar il-pagament li ma kienitx tagħmel sens għaliex kienet tirrikjedi li jibgħatlek magna u d-*deposit* fuqha tibda tħallsu wara li tkun wasslet Malta, ħaseb li kien hemm xi żball u għamel *payment terms* differenti. It-*tender* tiegħu kienet xi €30,000 irħas minn tal-Ispanjol. L-għada Magro bgħatlu *email* li ġie skwalifikat propju minħabba li l-*payment terms* ma kienux skond dawk stipulat fit-*tender*. Fejn ssoltu min ikun għamel l-aħjar offerta iżda ma jkunx mexa ma xi term kienu jiltaqaw biex jippruvaw jieħdu l-aħjar *deal* iżda f'dan il-każ dan ma sarx miegħu. Sar jaf li Kollvik ġab 100 punt.[45] Għalhekk talab li jingħata kopja tat-*tender* li kien issottometta filwaqt li saħaq li l-magna tiegħu kienet mgħammra b'teknoloġija aħjar tant li l-kumpanija Spanjola kienet ġa biegħet lil Gvern żewġ *composters* kbar erba' sa ħames snin qabel li kienu għadhom ma bdewx jitħaddmu.[46] Jinsisti li ma għadx għandu interess f'dawn il-proċeduri: *"In the meantime, kien ghadda z-zmien, ghaddew xi*

[41] Fol.253-254
[42] Fol.255
[43] Fol.256-257
[44] Fol.257
[45] Fol.258
[46] Fol.258-259

*sena, sentejn, and I had put a stone on it. Jiena imradt, qabduni l-palpitations, dawn il-keded kollha. Kelli nirtira mix-xogħol, insomma intfajt pensjonant u I wanted to put a stone on it għax kienet qed tohodli sahhti u dawn ghidtilhom isma' jiena ghidtilhom m'ghandi l-ebda interess assolutament u nerga' nirribadih illum illi jigri xi haġa hazin lis-Sur Magro, jigifieri jiena jekk is-Sur Magro jehel multa, jmur il-habs, jiena mhux se ndahhal xejn fil-but, jiena it's bygone u I had to put a stone on it you know. I couldn't be bothered anymore, I just want to be quiet. I just want to live a quiet life…".*[47]

Skond Bonello Magro kien iċ-Chairman tal-Board li rebbaħ it-*tender* lil Kollvik kif ukoll il-proġett kien f'idejh peress li kien konsulent dwar fondi tal-UE kif ukoll *project manager* tal-proġett.[48] Wara li l-IAID bagħatu għalih inbdiet l-investigazzjoni kondotta minnhom. Bonello imbghad irrikorra għand il-PCAC.[49] Semma kif wara li rebħu t-*tender* dwar l-art kienu, hu w Attard stiednu lil Magro u Ruth Debrincat għall-ikla li kienet isir kull nhar ta Sibt iżda mar Magro waħdu; l-ikla saret fir-razzett ta' Attard ix-Xgħajra.[50] Kien jaf li Magro kien il-konsulent tal-bord tal-kunsilli lokali fuq fondi Ewropej u *project manager* fuq il-proġett li jaqa taħt il-kategorija SCOW li jara *organic waste* jiġi trasformat f'kompost. [51] Iżid li l-iktar *email* importanti li rċieva mingħand Magro kienet dwar min ser jirbaħ it-*tender*, tah it-*telephone number* tiegħu w li fiha kien hemm id-data dwar meta ser toħroġ l-imsemmija *tender*.[52]

Ikompli li meta qraha l-*email* raha tistona peress li *"m'hinix imdorri qatt m'ghamilt tenders jiena pero'* ***li nigi infurmat minn qabel meta se joħroġ, min se jerbhu u ejja ha niltaqghu ha niddiskutu kif se naqsmu, u żgur li kienet tistona, kollha kemm hi kienet tistona. Kollha kemm hi kienet stramba. … jiena ltqajt mas-Sur Magro fuq din il-bicca tax-xogħol l-ewwel, darbtejn għand il-Pavi…..*** *jiena u hu biss. Pero' niftakar illi qalli isma' nista' nordna xi haġa oħra barra kafe' u ordna apple pie. Ghidtlu hu li trid u ha apple pie dakinhar, jigifieri jiena u hu konna. … ma ddiskutejniex il-magna, ma ddiskutejna xejn.* ***Kull ma ried jghidli s-Sur Magro li ried l-ghaxart elef. …. Ghax qal li kellu problema, kien għadu kemm mar holiday. Jien niftakar li staqsejtu kemm jagħmel holidays expensive u niftakar li qalli li kellu xi hamest itfal jew sitt itfal. …[Prosekuzzjoni: Tiftakar il-pajjiz?] .. Lalzass (recte: Alsace)… Kellu xi kontijiet pendenti ma' tat-taxxa."***[53]

Riprodott, Bonello ikkonferma l-*email*[54] li rċieva mingħand l-imputat. Wara din l-*email* mibgħuta f' Lulju 2014, Bonello ftiehem ma Magro biex jiltaqaw il-Pavi u

---

[47] Fol.260
[48] Ibid.
[49] Fol.262
[50] Fol.264
[51] Fol.262-262A
[52] Fol.265
[53] Fol.266-267
[54] Fol.85

***"dak in-nhar meta is-sur Magro kien talabni 10,000 maltin, 5,000 u 5,000 , 5,000 tat taxxa u 5,000 tal-familja tal-vaganza ....*** *wara l istorja evolvit umbghad hemm hareg it tender, jien kont avzajt lil Jimmy li kien hemm magna ahjar min tal-colvic, ghax tal-colvic kienu ġa biegh magna ili qatt ma hadmet u ghadhom qatt ma hadmu Ta`Qali, .....qalli Disma attard [li Jimmy] mar izur lil Disma Attard..... meta Jimmy Magro talabni il-flus jiena ghidt lid Disma li talabni il-flus, jien ma kontx lest nohrog flus, u Disma ma kienx lest johrog flus, id-Disma qalli jekk irrid il-flus imur jahdem.... umbghad gara il-każ illi meta qed lil jimmy ghetlu jekk jekk u jekk u jekk trid mur ahdem, u Jimmy kif qalli Disma, mar jarah, jien ma kontx hemm* ***meta Jimmy mar jarah lid Disma, u meta mar Jimmy jara lid-Disma kien ma Chris Borg [recte: Cassar], għaliex skont id-Disma, Jimmy qallu għaliex ma tahdimx ma dan milli ma Bonell..... dan li qalli Disma".***[55]

In kontro-eżami jikkonferma li għalkemm seta jitlob *point of clarification*, dan ma għamlux.[56] Dwar Chris Cassar jgħid li ma kienx jafu w anke Disma qallu li ma kienx jafu iżda hu kien lemaħ file fuq l-iskrivanija ta' Disma u nduna li Disma ma kienx qed jgħidlu l-verità. Meta sar jaf li t-*tender* Disma ma kienx tefagħha rabja immens u ma baqawx jitkellmu.[57] Ix-xhud jikkonferma li rigward t-*tender*, għall-art, hadd ma talab xejn minnhom u tant kienu ferħanin li rebħuha li għalhekk stiednu lill-imputat għall-ikel.[58]

Ikompli li meta staqsa kif isir appell mid-deċiżjoni tal-*Evaluation Board* ma kien fehem xejn iżda jsemmi li meta mar għand id-Dipartiment tal-Kuntratti dawn qalulu li kellu jagħmel depożitu ta' €10,000 meta skond Bonello it-*tender* ma kienx jiswihom bħala qliegħ![59] Lanqas ma kien jaf li jeżisti il-Public Contracts Review Board li minn deċiżjoni tiegħu jista' jsir appell lil Qorti ta' l-Appell.[60] Ikkonferma li kien mar għand Mario Cutajar, il-Principal Permanent Secretary, biex jipprova jidħol konsulent fuq ir-riċiklaġġ. Bonello ma kienx jaf li fl-għoti ta' *tenders bidder* irid ikun *administratively compliant*.[61] Jgħid li ma kien fadallu ebda *commercial relationship* ma Euraform għaliex magħhom tilef il-kredibbilita kollha. Jikkonferma li xorta ried jaħdem ma Kollvik għalkemm kien tal-fehma li l-magna tiegħu ma kienetx *up to the required standard* u dan għaliex dehrlu li kien miegħu li laħqu saru kuntatti mill-AKL; madanakollu tefa offerta għal rasu ma Euraform li kienet orħos minn dik bil-magna ta' Kollvik. Il-*meeting* ma Magro il-Pavi talbu hu għaliex ried jara Magro x'ried jgħid bl-*email* li bgħatlu![62]

[55] Fol.458-460
[56] Fol.462
[57] Fol.465-466
[58] Fol.468
[59] Fol.473
[60] Fol.473-474
[61] Fol.475
[62] Fol.477

**Isabella Testaferrata De Noto** li fiż-żmien kienet Segretarju Eżekuttiv mal-AKL konfermat id-dokumentazzjoni mmarkata Dok.YF10[63] fosthom *payment vouchers* rigward *composter* li kienet inħarġet *tender* dwaru. Meta saret talba għall-ħlasijiet hi ikkonsultat ma membri li kienu qed jaħdmu fuq il-proġett sabiex tara li setgħet tgħaddi l-ħlas. L-**imputat kien risponsabbli mit-tmexxija ta' dan il-proġett,**

> *"u kellu tliet kollegi oħra miegħu li jmexxu l-proġetti tal-EU, jigifieri as such **it-tmexxija tal-proġetti tal-EU kienu f'idejhom**. Imbaghad jekk huma se johorgu xi tenders u hekk riedu l-permess minghandna li ahna naraw li qed jimxu skont il-proċeduri u jghaddu through c-channel tal-kumitat. Allura meta jiġi inxtara, anki jekk inghatajt tender f'dan il-każ kien hemm nies responsabbli wkoll li kienu esperti, li jlestu rapport, li jghidu li per eżempju min ibbiddja huwa compliant, technical u the cheapest jekk kienu dawk il-criteria fit-tender u mbagħad il-kumitat tal-assoċjazzjoni jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni ta' dawn l-esperti. Issa meta tressaq dan il-hlas jiena kont tlabt biex immur nara illi dan il-compost qieghed hemm u hemm kien…. Mort x'imkien Hal Luqa, ...ma nafx jekk hux ta' Disma, ... Kien hemm il-compost u kien taht shed..... Makkinarju li jrid jipprocessa l-compost, dan kien il-proġett."*[64] Tkompli ma ratux jaħdem *"iżda qaluli li l-permessi tad-dawl kienu għadhom qed jistennewhom pero' qed ihaddmuha b'xi extension u jien ghidtilhom makkinarju kbir bhal dan jaħdem b'extension u minn hemmhekk bdejna l-processi biex ingibu d-dawl għax wara kollox dan kien investiment tal-EU, ġie investit hafna zmien, hafna flus u dan mhux se tghid alright issa gibnih u titilqu l'hemm. …. Dr Marc Sant kien il-president tal-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali li meta mlejna l-karti tal-EU, għax dan kien wasal fl-ahhar il-proġett, jigifieri li gara dan il-makkinarju wasal fl-ahhar hin meta l-proġett se jaghlaq, kollox dan il-genn, li jekk mhux se nhallsu se nitilfu l-flus u kien hemm nahseb xi somma ta' kwazi four hundred thousand nahseb meta tqis il-proġett kollu. Allura imlejna l-karti tal-EU li se nipprezentaw lil EU pero' flimkien mal-kumitat tal-assoċjazzjoni u anki jiena u Marc Sant, meta gejna ffirmajna l-karti biex jigu pprezentati quddiem l-Unjoni Ewropea, konna ktibna klawsola iva l-makkinarju wasal, hemm qieghed pero' għadu mhux qed jopera peress li kien hemm dawn l-affarijiet tad-dawl. Jien għalija l-ewwel darba kont sirt naf, meta mort fil-post li kien hawn dawn l-affarijiet teknici li ma kienx qed jaħdem at full. "*[65]

Ix-xhud kompliet li Bonello ried iressaq appell mat-tribunal u ried ikun jaf min kien hemm fuq l-*Adjudication Board*. Ma tafx kienx sar appell minn Bonello għax ħadd ma bagħat għaliha iżda kienet issejħet mill Kummissjoni (PCAC).[66]

**Silvio Chetcuti**, in rappreżentanza tal-BOV Bank plc., ikkonferma *banking documentation* u *bank statements* li oriġinarjament esibithom l-Ispettur Farrugia u li jinsabu a fol.92 et seq *"il-pagament sar on behalf of l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli*

---

[63] Fol.88 et seq
[64] Fol.284-285
[65] Fol.285-286
[66] Fol.289-290

*Lokali, tajjeb, u ġie ffirmat minn żewġ firmatarji, one I.D. Card Holder 363683M u l-iehor 274569M.....il-pagament sar lil Kollvik Recycling SL"*, bil-pagament issir għan-nom tal AKL bl-ammont ikun dak ta €138,296.00[67] li dwar dan l-ammont hemm *invoice*[68] maħruġa lil AKL minn Kollvik.[69] Qabel dan il-pagament aħħari kienu saru żewġ pagamenti oħra fl-ammonti ta' €17, 287 skond invoices datati t-2 ta' Diċembru u fl-14 ta' Diċembru, 2015[70] li skond id-Debit Advice jirrappreżentaw l-*Initial Payment Scow Project-shipment* u *Second payment-Scow project installation.*[71]

**Manuel Faure** spjega li kien impjegat *part-time* ma Disma Attard fejn kien jagħmel *quotation*s fuq kwantità għal diversi proġetti u *tender*s. Dwar l-impjant ta' riċiklaġġ ta' skart kien attenda xi żewġ *meetings* ta' madwar kwarta ma Attard il-Marsa. Ma kienx daħal fih u l-proġett għax lanqas jaf x'kien jinvolvi, u tant ma kienitx il-linja tiegħu li Attard kien ingaġġa lil ħaddieħor ċertu Victor Bonello.[72]

**John Chetcuti**, Direttur u Managing Director ta' John Ripard & Sons (Shipping), ikkonferma Dok.YF6,[73] dokumenti mgħoddija minnhom lil Pulizija, u spjega li f'Malta huma jirrappreżentaw lil MCE li hi l-*carrier shipping line*. Il-*bill of lading* turi li s-shipper kien Kollvik Recycling bil-consignee tkun il-AKL, iżda il-wassla kellha tiġi notifikata lil DDE Attard. Is-*shipment* wasal nhar il-11 ta' Diċembru 2015 u ġie rilaxxat fil-15 ta' Diċembru 2015. Ix-xhud ikompli li **fuq struzzjonijiet tal-imputat,** għalkemm il-consignee kienet il-AKL f' *email* mingħand l-imputat ingħataw struzzjonijiet li dan il-makkinarju kellu jiġi konsenjat lil DDE Attard Limited.[74]

**Disma Attard**, direttur ta' DB Attard u kumpaniji oħrajn, beda biex jgħid li l-kumpanija tal-iskart tinsab f'Ħal Luqa. Intgħażlet l-art tiegħu li kienet l-unika waħda b' *Waste Management Permit* u li għalhekk seta' jagħmel il-faċilità tal-*composting* fiha. Avviċinah Victor Bonello biex jitfgħu *tender* taħt il-kumpanija DB Attard, u kien ser jieħu ħsieb iżda ma qamx fil-ħin fil-jum li għalqet it-*tender* u t-*tender* ma tefaħiex għalkemm **jammetti li l-karti kienu għandu minn qabel dakinhar**.[75] Jgħid li kien hemm kumpanija barranija involuta wkoll. Bonello biss kien kellmu dwar it-*tender*. Jammetti li qabel ma ġie ġudikat t-***tender* l-imputat**

[67] Fol.92-93
[68] Fol.91
[69] Fol.413-415
[70] Fol.89-90
[71] Fol.94-95
[72] Fol.297-302
[73] Fol.72-73
[74] Fol.305-307
[75] Fol.391-393

**Magro mar flimkien ma Christ [Cassar] fir-razzett tiegħu** biex ikellmu fuq it-tender li dwarha kien qal lil Cassar li ma kienx interessat.[76]

Stranament ix-xhud isir riluttanti milli jkompli jixhed fuq dak li ġie diskuss ma dawn il-persuni u jinsisti kemm il-darba sabiex isir riferenza għal dak li xehed quddiem il-PCAC u li kien iffirma għalih.[77] Ġiet moqrija lilu *summary* tax-xiehda tiegħu li tinsab fir-rapport tal-PCAC, li għaldaqstant issa saret prova ammissibbli u ma tibqax prova *hearsay*.[78]

Dakinhar quddiem il-PCAC insibu li: *"It-tieni xhud kien is-Sur Disma Attard. Dan qal li ghandhom kumpanija DD Attard. Jhaddmu in-nies maghhom u li kien tefa' żewġ tenders għall-iscrap tal-Gvern. Hu għandu site kbira u Victor Bonello staqsieh jekk kienx interessat fit-tender tal-compost. ... Huwa diga kellu l-IBPC permit,... Bonello kien qallu li hemm hafna profitti.".*[79] Attard ikkonferma dan mal-Qorti u jżid li irrikorra għand l-*accountants* tiegħu, Nexia, u wara li wissewh li dan il-proġett kien ser jagħmel telf biss, ma ħax aktar interess w informa lil Bonello li kien ser jieqaf milli jkompli fuq t-*tender*. Ikkonferma wkoll li *"Kienu bbidjaw l-ewwel darba fit- two thousand and fourteen (2014). Is-Sur Bonello ried igib il-magna iżda x-xhud ma kellux interess li jgib il-magna."*. Hu kien għamel il-*bid* biex jakkwista permessi biex jagħmel tined kbar.[80] Kien jaf li hemm l-inkwiet bejn Jimmy Magro u Victor Bonello għaliex Jimmy Magro qallu li Victor Bonello kien qalgħalu l-inkwiet. Ma Jimmy Magro kellu diversi laqgħat iżda s-Sur Bonello kien mar darba biss.

Quddiem il-PCAC Attard innega li Jimmy Magro kien qatt talbu xi flus. U mistoqsi għal darb'oħra mill-Qorti diversament preseduta jtenni, *"Le qatt ma talabni. Qatt ma talabni u nghidha quddiem kulhadd. Qatt ma talabni lili."*[81] Kif jinnega wkoll li Magro kienx talbu ħamsa u għoxrin elf (25,000) ewro *"Qatt ma saret mieghi."* Kompla jikkonferma li darba ltaqaw f'restaurant La Spigola, hu, Bonello, Magro u wieħed Abdon l-Ispanjol ***"Iva ltqajna darba".***[82]

Il-prosekuzzjoni qrat ukoll dak li jinsab fl-istess rapport tal-PCAC fejn jintqal:

> *"Disma Attard ikkonferma li hu kien vera qal lil Bonello li jekk Jimmy Magro irid il-flus, allura jmur jaħdem. 'Iva, hekk ghidtlek' (paġina 5 tad-deposizzjoni).* ***Disma Attard ikkonferma wkoll li Jimmy Magro kien mar għand Disma Attard***

[76] Fol.394
[77] Fol.395-397
[78] Fol.40
[79] Fol.398
[80] Fol.399-400
[81] Fol.400
[82] Fol.401

*flimkien ma' Chris Cassar. Issikkat mic-Chairman, is-Sur Bonello ikkonferma li Disma Attard kien uża l-espressjoni 'dak il-hanzir ġie hawn'.".*[83]

Mitlub jikkummenta fuq dak li kien għadu kemm ġie moqri lilu jiddikjara *"Iva. Mhux hekk qieghda bil-miktub? Ma nistax nghidlek mhux veru...... Bonello, lili qatt ma talabni flus Jimmy Magri. Bonello dejjem qal li talbu il-flus ... Bonello talabni il-flus. Jimmy Magro qatt ma talabni flus. .... Jimmy Magro qatt ma qalli għall-flus jigifieri biex ikunu, l-affarijiet għax jiena la rrid inzid u lanqas innaqqas.* ***Li hemm miktub****."*[84]

Dwar il-makkinarju Attard jgħid li lest biex jarmieh għaliex ma jaħdimx, *"Qatt ma ħadem... mhux tajjeb"* u qatt ma kien hemm qliegħ minn fuqu:

*"Xhud : Ejja arah għada l-għalqa. Ghada ha nkissru għax ha narmieh 'il barra għax irrangajt biex jarmuh 'il barra.*
*Pros : Jigifieri it-tender tal-Gvern, nistghu nghidu li sar għalxejn?*
*Xhud : Għalxejn sar għax mhux tajjeb. Biex tagħmel barmil compost f'xahar, ma nahsibx, il-compost kulhadd jaf kemm huwa? B'two (2) euro tixtri borza. Biex tagħmel barmil ghandek xahar jigifieri mhux.*
*Pros : Jigifieri bhalissa mhu qed tagħmel xejn kompost din?*
*Xhud : Ilu maghluq mill-ewwel darba li nfetah."*[85]

Ta' rilevanza hu l-fatt li meta jerġa jiġi mistoqsi mill-abbli prosekutur dwar min kienu meta ltaqgħu La Spigola jagħżel ma jweġibx għaliex kien hemm kollox ġa miktub:

*"Pros: Mela meta semmejt li kont, is-Sur Maġistrat kellmek fuq l-Ispigola, il-ħanut, min kontu nies hemmhekk dakinhar?*
*Xhud: Mhux ġa qaalek min huma*
*Pros:Tista terġa tirrepeti jekk joghgbok għax ma fhimtx sew?*
*Xhud: Ma nwegibx, ma nwegiubx*
*Pros: Ma twegibx. Barra is-sinjuri li semmejna, tajjeb, kien hemm xi persuna ohra ta' nazzjonalita barranija?*
*Xhud: mela kienu qalulek. Qallek bil-miktub"!*[86]

L-imputat **John Mary Magro** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda u beda billi spjega l-impjiegi preċedenti tiegħu[87] kif ukoll dwar kif ittrasforma l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.[88] Kien ġie deċiż li l-AKL tidhol għall-proġett tal-Unjoni Ewropeja (UE) fuq *Selective Collection of the Organic Waste (SCOW)*

---

[83] Fol.45 Rapport PCAC u fil-proċediment penali a fol.402
[84] Fol.402-403
[85] Fol.403-404
[86] Fol.404-405
[87] Fol.548-550
[88] Fol.551

tenut kont li l-kunsilli kienu inkarigati mill-ġbir tal-iskart.[89] Jaghti spjegazzjoni dettaljata dwar kif kien ser jitmexxa l-quddiem il-proġett ma pajjiżi terzi b'fondi tal-UE, il-problemi li skontraw u l-mod kif kellhom joħorġu t-*tender*s relatati mal-istess proġett. It-*tender* għal-proġett SCOW fil-fatt kienet maqsuma f' *tender*s diversi, waħda għal *external consultant* biex jaħdem fuq il-parti teknika tal-proġett fejn tqabbdet id-ditta AIS Environmental ta' ċertu Mario Schembri u kien hemm Ruth Debrincat bħala esperta.[90] *Tender* oħra kienet għall-art li kienet tinħtieġ permessi sabiex fuqha jsir il-*composter*, liema *tender* intrebħet minn Disma Attard[91] u fl-aħħar nett it-*tender* għal *composter*.

Għal din it-*tender* kien hemm ħames *bidders* u ntrebħet minn Cassar iżda ġiet mwaqqfa minħabba li ma saritx il-*performance guarantee*. Ħarġet *tender* oħra li għaliha kien hemm *bidder*s Kollvik u Victor Bonello u jispjega *"Issa aħna konna għamilna, u dana s'intendi ma tistax taħdem mod ieħor, illi s-supply tal-magna, il-payment isir wara li tkun commissioned il-magna, għax ma tistax inti titħallas minn qabel. U dan Victor Bonello ippretenda, fil-fatt anke kiteb barra u qagħad qisu jugżana illi aħna għamilna dawn it-tip ta' kundizzjonijiet u t-tender tiegħu kienet tgħid isma' li hu qed jippretendi li aħna nħallsuh qabel ma tiġi l-magna Malta, u allura meta morna quddiem l-evaluation committee, l-evaluation committe qal administratively it-tender ta' Victor Bonello mhijiex konformi mat-tender specifications, u allura ġiet awtomatikament eskluża."*[92]

Hawnhekk jiġi sottolinejat mill-Qorti li l-<u>mertu</u> tal-allegazzjonijiet u l-imputazzjonijiet li sussegwentement ġie akkużat bihom Magro, jirreferu <u>limitatament għal dik li kellha tkun l-offerta bejn Bonello u Disma għal *composter*, offerta li baqgħet qatt ma saret.</u> Għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li għanda tiddilunga fuq offerti u/jew *tenders* oħra li kien involut fihom Victor Bonello wara dik tal-2014 u ċioè fit-tieni *round*.

Dwar Victor Bonello, Magro jgħid li dan xehed il-falz, u b'konsegwenza bagħatha hu flimkien ma familtu.[93] Ikompli *"Issa Victor Bonello tefa' t-tender fit-tieni round, jiġifieri fit-tieni round tat-tenders. U aħna konna għamilna, għaliex hija l-prattika korretta illi l- pagament ta' dik il-magna jsir wara li jkun hemm commissioning, jiġifieri dik konna għamilniha twenty percent on delivery, jiġifieri meta l-magna tkun waslet hawn Malta, allura rajtha b'idejk din il-magna, qed tifhem? allura tista' tgħaddilu pagament ta' twenty percent. Imbagħad l-eighty percent l-oħra kellhom jgħaddu lill-kumpanija li qed tissupplixxi l-magna wara li jkun ġie commissioned, jiġifieri tkun għadda mit-test tiegħu ..... Issa, Victor Bonello meta issottometta t-tender*

89 Fol.552
90 Fol.552-562
91 **Dok.JM9** a fol.728 et seq
92 Fol.562
93 Fol.563

*tiegħu kellu qisha kundizzjoni li hu ried il-pagament kollu minn qabel. U dik allura waqqgħet it-tender kompletament tiegħu. Għax hu anke x'imkien qalha jew kiteb illi din irċieva email mingħand Jimmy Magro. Jien veru li l-email bgħatthielu jien, u nista' nippreżentaha, għalkemm din qiegħda fil-file..."*[94]

Iżda l-*email* li qed jirreferi għaliha l-imputat mhux dik mertu ta' dawn il-proċeduri iżda *email* fejn qed jiġi infurmat li jista' jappella mid-deċiżjoni li l-offerta tiegħu tiġi *rejected,* li kif intqal ma għandha l-ebda valur probatorju fuq l-imputazzjonijiet odjerni.

<u>Hawn għalhekk il-Qorti tara l-ewwel tentattiv tal-imputat li jiżgwida l-Qorti.</u> It-*tender* li dwarha hu allegat li Magro talab <u>€10,000 qatt ma setgħet tiġi ikkunsidrata għaliex ma ġietx sottomessa.</u>

Magro jsostni li l-*composters* li kien ippropona li juża Bonello kienu għal użu domestiku meta dak rikjest kienu għal użu industrijali/kummerċjali.[95] Semma kif Attard kien rebaħ it-*tender* biex fuq l-art tiegħu ikun jista' jsir il-*composter*.[96] Ġara iżda li ma kienx hemm kooperazzjoni minn naħa ta' Attard, fejn anke kienet intbagħtet korrispondenza lilu,[97]u kien għalhekk li ried jiltaqa' ma' Bonello biex jaraw kif jinqalghu minn din il-pożizzjoni fejn l-andament kien waqaf.[98]

Il-Qorti tistaqsi:

jekk il-problema kien Attard, għaliex għażel li jiltaqa' ma Bonello u ma Bonello biss?

għaliex ma ntbgħatitx *email* oħra lil Attard jekk mhux seta' jiġi ikkupjat bl-*email* li Magro bagħat lil Bonello??

**It-tweġibiet huma ovvja. Propju għaliex xejn minn dak li jiddikjara Magro ma hu veru!**

Meta l-imputat jiġi mistoqsi mid-difensur tiegħu dwar x'ried ifisser bil-frażi *"commercial take"*, minflok jirrispondi bla tlaqliq għal din id-domanda inkredibbilment jagħmel riferenza għal **CHAT GPT** li ċertament fl-24 ta' Lulju, 2014 - data tal-*mail* mibgħut lil Bonello mill-***<u>gmail</u>*** **<u>account</u> ta' Magro u mhux mill-AKL account - id-dinja ma kienitx għada ħolmot bih**!

---

[94] Fol.564-665.
[95] Fol.568
[96] Fol.569
[97] **Dok.JM14** a fol.749
[98] Fol.570

Kemm kien ikun aħjar kieku Magro żamm ferm mad-dritt sagrosant tiegħu tas-silenzju għaliex bl-spjegazzjoni mqanżħa li jagħti bidu għad-difna tal-kredibbilità tax-xiehda tiegħu! Ikompli:

> *"Issa dwar l-email li qed isaqsini l-avukat dwarha, hemm il-kelma "commercial take," illi l-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni dawwritha kif qablet lilha fl-opinjoni tiegħi u sabet xi dizzjunarju għandu jkun tan-nineteen xejn xejn,* ***jiena użajt it-teknoloġija moderna, iċ-Chat GPT tat-3.5*** *u se naqra xi tfisser the meaning of "commercial take in business". "In business, commercial take typically refers to the revenue or sale generated from commercial activities. It represents the amount of money earned from selling products or services to customers. It is a key metric in assessing the financial performance and success of a business operation." Din li tfisser "commercial take."*[99]

In kontro-eżami l-abbli prosekutur ikompli jagħfas l-imputat dwar x'ried jgħid b' *"commercial take"* u kif mistenni jikkonfrontah bil-fatt li għaxar snin ilu ma kienx jeżisti l-Chaptgbt! Id-diffikultajiet riskontrati mill-imputat biex jagħti tweġiba li għandha mis-sewwa huma manifesti, kif ser jidher mix-xiehda li estratt estensiv minnha qed jiġi riprodott fejn jagħmel riferenza għall-**rapport kummissjonat minn Disma Attard u fejn l-AKL ma kellha ebda aċċess għalih (!!) li jibqa' ma jiġix esibit** f'dawn l-atti:

> *"Commercial take huwa l-qliegħ li seta' jsir minn dak il-proġett. U l-argument jorbot ma' dak ir-rapport li sar minn Nexia BT fejn huma qalu lil Disma Attard li kien s'intendi se jkun l-operatur ta' dak l-impjant illi minn dan l-impjant se jagħmel telf kbir, allura jiena ridt fid-diskussjoni li kelli dejjem għidtilhom li dan il-proġett l-ewwel xogħol huwa pilot project, allura ma tistenniex li tagħmel ħafna flus minnu, imma minkejja, cioè minħabba li l-Gvern kien se jkompli jestendi s-separazzjoni tal-iskart, il-privat jista' jkun ivolut f'dawn il- proċessi, f'dawn il-proġetti, u a pilot project jista' jkun esetiż imbagħad għal proġett akbar, jiġifieri biex ikun hemm ir-riċiklaġġ dejjem tal-organic waste.*
>
> *Pros: Commercial take, inti semmejt li dħalt Chat GBT.* ***Dak iż-żmien meta ktibtha inti fl-email żgur ma dħaltx f'Chat GBT. Jiġifieri dakinhar inti meta ktibtha, x'kienet qed tfisser għalik, għal liema kumpanija kienet qed tfisser?***
>
> *Ix-xhud: Commercial take kienet il-qligħ li se jsir mill-proġett tal-proġett Scow. Il-qligħ kellu jagħmlu Didi Attard għax hu kien l-operatur.*
>
> *Pros:* ***Imma inti mhux għan-nom tal-Gvern kont qiegħed titkellem?***
>
> *Ix-xhud: Imma jiena qed nipprova nenfasizza l-punt illi minn dak il-proġett, il-proprjetarji tiegħu se jkunu jistgħu jagħmlu l-qligħ. Dak huwa l-punt. Ma kienx il-qligħ għalija. Jiġifieri qed nipprova nikkonvinċihom jiena, dak li qed nipprova nagħmel.*
>
> *Pros: Tikkonvinċi lil min?*
>
> *Ix-xhud: Lill-operators illi toħorġux minnu l-proġett għax dak il-proġett jista' jkun li jħalli l-qligħ.*
>
> *Pros: Imma lil min? Lil min bgħattu l-email?*
>
> *Ix-xhud: Lil Victor Bonello.*

[99] Fol.571

*Pros: Mela għalfejn ridt tikkonvinċih biex ma joħroġx minnu meta inti stess qed tgħid li ħlief ħsara m'għamilx?*

*Ix-xhud: Le, le, ifhimni naqra. Dak iż-żmien kien għadu fil-*bidu *l-proġett, qed tifhem? u Victor Bonello bħalma ntqal f'diversi kummenti hawnhekk fix-xhieda, kellu ċertu influwenza, hu kien mar għand id-Disma biex iħajjru biex jidħol f'dan il-proġett. Jiġifieri jiena qed nuża l-bon volontà ta' Victor Bonello –*

*Pros: imma **d-Disma ġià kellu l-art qabel ma ħareġ it-tender għall-compost, ġie kellu l-art available,***

*Ix-xhud: **Iva, iva, naqblu**.*

*Pros: Mela strictly speaking kien wieħed mill-iktar iffavoriti li jista' jeħodha, kważi kważi, naqblu?*

*Ix-xhud: Iva naqblu. L-argument mhux min kellu jeħodha, minn kellu jieħu l-art*

*Il-Qorti: Le, le, attent għad-domandi li qed jagħmillek.*

*Ix-xhud: Eħe, eħe.*

*Pros: Id-Disma Attard kien l-iktar wieħed favorit nistgħu ngħidu, teknikament, mhux għax xi ħadd iffavorih, għax kellu l-art diġà available..... Mela allura inti ma kellekx għalfejn tinkwieta li mhux se jidħol għaliha, għax hu li kellu l-art available għaliha, ma kellekx għalfejn tinkwieta għall- commercial take tagħhom.*

*Ix-xhud: Le, kelli għalfejn,*

*Pros: Għalfejn?*

*Ix-xhud: Kelli għalfejn għaliex hu għamel ir-rapport dak tan-Nexia BT, li qiegħed fil- files tal-proġett. Jiena hawnhekk għandi kopja nista' nerġa' nippreżentaha l-Qorti biex ma toqgħodx tfittex fil-file, immarkat 130, dan huwa r-rapport Scow feasibility analysis. U wara li d-Disma Attard ingħata dan ir-rapport kien talab laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jgħid li minħabba li għandu dan ir-rapport hu ried joħroġ mill-proġett. Dan kien is-sintesi tal-... U aħna meta rajna dan il-proġett għidnielu, "isma' dak ir-rapport mhuwiex korrett għaliex inti qed iddaħħal l-ispiża kapitali li l-ispiża kapitali m'intix se tħallasha inti, se jħallasha l-Unjoni Ewropea."*

*Pros: Mela, ħa nagħmillek daqsxejn riferenza għall-istess email, u importanti dan, tajjeb? mela inti bgħattlu, "Victor, the contact is..." u bgħattlu d-dettalji ta' (up down beta(?)) li huwa involut fil-Kollvik. **Għaliex ħassejt li għandek tibagħtlu dawn id-dettalji?***

*Ix-xhud: Għaliex Victor Bonello kien wieħed minn dawk li esprima interess illi jittenderja għas-supply tal-composter.*

*Pros: **Issa, f'sentenza wara, "Vic, you have to compete as he already has a Maltese company. So you have to convince him to change to your company." Jiġifieri inti hawnhekk qed tgħidlu biex Victor imur jinsisti ma' Bejta ħalli ma jkomplix ma' dik il-kumpanija Maltija, iżda jaqlab mal- kumpanija tiegħu. Għaliex ħadt dan l-interess inti?***

*Ix-xhud: Le, jiena l-uniku interess li kelli li nassigura li finalment ikun hemm il-bidders għal dan it-tender, qed tifhem?*

*Pros: **Ma kienx l-interess tiegħek li jkun hemm il-**bidders**, b'kull rispett**.*

*Ix-xhud: <u>Le, le,</u> -*

*Pros: **jekk kien hemm diġà** bidder**, hawnhekk diġà kien hawn** bidder**; inti hawnhekk kont qed tgħidlu biex imur u jirsisti aktar ħalli ma jkunx hemm dak il-**bidder**, anzi l-kumpanija taqleb u tmur miegħu. Hekk kont qed tgħidlu hawnhekk. U s-sentenza ta' wara, "I need to meet with your to discuss <u>our</u> commercial take into this too. The tender will be online as from Wednesday…"***

***u d-data sa meta, "... this is a lot of work to be done and it has to be first-class submission as we have strict evaluation regulations." Taħseb li inti kellek tgħaddilu din l-informazzjoni?***

*Ix-xhud: Jiġifieri ċara qiegħda illi... qed ngħidlu jiena li Victor mhux se jkollu l-ebda vantaġġi fuq il-bidders l-oħrajn, ċara daqs il-kristall.*

*Pros:* ***Inti tajtu l-vantaġġ hawnhekk xħin għidtlu min hija l-kumpanija l-oħra. Inti hawnhekk qatt ma kellek tgħidlu li hemm kumpanija u tgħidlu li din l-istess kumpanija għandha kumpanija reġistrata Maltija magħha.*** *Victor Bonello wieġbek, "Ok, when we will meet next week, a day after…" u l-kumplament tal-dan. U ltqajtu. Mhux se nerġa' nidħol fiha li ltqajtu u x'qallek u x'qal hu li inti tlabtu l-flus, tajjeb?*

*Ix-xhud: U x'qal Victor Bonello illi ħawwad fil-Qorti dwar id-dati ta' meta saret il- meeting jekk mhux liri Maltin...!*

*Pros: Ippermettili. Wieġeb daqsxejn id-domandi ħalli ma ndumux –*

*Il-Qorti: Jiena, il-fatt, għax* ***inti tgħid il-commercial take relates to a company. Inti m'intix kumpanija. Għaliex użajt il-kliem "our commercial take"?***

*Ix-xhud: Qed nitkellem "our" għaliex huwa l-proġett finalment, qed tifhem? Verament illi aħna ma konniex se nieħdu l-benefiċċju..., il-benefiċċju tal-Assoċjazzjoni kien li finalment il-proġett isir, għax dak kien l-interess li kelli.*

*Il-Qorti:* ***Imma l-Assoċjazzjoni mhijiex azjenda kummerċjali u mhux se jkollha take.***

*Ix-xhud: Le mhijiex, mhijiex, qegħdin naqblu.*

*Il-Qorti:* ***Imma allura użajt kliem, "Our commercial take," not the business', not the project's, "our commercial take****."*

*Ix-xhud: Iva, u qed nerġa' nispjega jiena li l-iskop ta' dik l-email kien illi l-ewwel xogħol nassigura li jkun hemm bidders għal dan it-tender għaliex kont naf jiena li kien hemm ħafna, kif tgħid? ma kienx hemm –*

*Il-Qorti: Le, imma inti qed titkellem ma' wieħed hawnhekk biss.*

*Ix-xhud: Iva...*

*Pros: U ġià kien hemm* bidd*ing. Ma kienx hemm bidder, ġià kien hemm ftehim.*

*Ix-xhud: Ma kienx hemm għax it-tender ma kinitx għadha ħarġet.*

*Pros: Imma kien hemm ġià ftehim bejn il-Kollvik u kumpanija Maltija, u inti –*

*Ix-xhud: Le, le, ma kienx hemm ftehim, ma tistax tgħid li kien hemm ftehim.*

*Pros: Inti stess fl-email, hawnhekk, "Vic, you have to compete as he…" mela għal Bejta qed ngħidu, "…has a Maltese company. So you have to convince him to change to your company." Jiġifieri inti qed tgħidlu biex Bejta minn mal- kumpanija "X", Maltija, jaqleb mal-kumpanija "Y" li hi ta' Victor.*

*Ix-xhud: Iva, imma dik toħroġ mill-fatt illi Kollvik kienet biegħet erba' composters hawn Malta. Jiġifieri dan xi forma ta' kuntatt kellu ma' Malta. Minn hemmhekk jiena wasalt għal –*

*Pros: Iva, imma* ***inti b'liema dritt, b'liema dritt jekk kumpanija "X" kienet diġà ma' Kollvik kellek tidħol inti u tgħid lil Victor, tajjeb? biex idaħħal denbu, ħalli nuża kliem hekk, u jidħol hu, ma jkomplix dik il-kumpanija? X'interess kellek inti li lil Victor tgħidlu biex jidħol fiha? Għaliex ma iċċekkjajt fuq il-kumpanija l-oħra jekk hix tajba, jekk hix ġià kellha –***

*Ix-xhud: ma kienx hemm records fejn tiċċekkja, ma kienx hemm records. Aħna ma' Kollvik l-uniku kuntatt li kellna kien biex meta għamilnt l-budget change, tana*

*stima li biha nkunu nistgħu nagħmlu l-budget change, dik kienet id- diskussjoni li kellna. U dejjem għidnielu li inti, għalkemm qed ittina din l- istima, finalment trid tiddenderja biex –*

*Il-Qorti: però* ***qed iddawwar diskors fuq Kollvik; hawnhekk qed isaqsik ma' Victor****.*

*Ix-xhud: Iva, iva, mhux nispjega qiegħed.*

*Pros: Le, m'intix tispjega; inti qed iddawwar l-istorja jew qed iddawwar daqsxejn il-verżjoni ta' kif –*

*Il-Qorti: Ħu paċenzja, u irrispondi, hawnhekk tista' tirrispondi iva, le, jiġifieri d-domandi jistgħu jsiru diretti.*

*Pros: Mela,* ***għaliex inti dħalt bejn il-kumpanija "X" li kienet ħa tirrappreżenta lil Kollvik, u għidt lil Victor biex jidħol hu?***

*Ix-xhud: Iva, mela ħa nwieġeb. Jiena ma kelli l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi kumpanija oħra li kellha relazzjoni ma' Kollvik. Jiġifieri dik is-sentenza hija mibnija fuq assunzjoni, assumption, qed tifhem? Jiena l-uniku interess li kelli kienet illi meta noħroġu t-tender ikun hemm bidders għal din it-tender.*

*Pros: Imma ippermettili,* ***jekk inti kont involut f'kollox, għaliex ma iċċekkjajtx jekk Kollvik, li skont inti kellha erbgħa diġà proġetti żgħar jew kien hemm xi erba' composters tagħhom ġo Malta, għaliex ma iċċekkjajtx inti ma' Kollvik u tgħidilhom, isma' min hu r-rappreżentant tagħkom hawn Malta? Għax inti issa qed tgħid li ma kontx taf. Jew kont diġà iċċekkjajt?***

***Ix-xhud: Le, le, dak l-eżerċizzju m'għamiltux jiena......***

*Pros: Commercial take assumption ukoll?*

*Il-Qorti: "Our commercial take."*

*Pros: "Our commercial take" assumption ukoll?*

*Ix-xhud: Iva, imma commercial take qed nifhimha jiena għal –*

*Pros: Le, x'fhimtha dakinhar.*

*Ix-xhud: Dakinhar qed ngħidlek jiena. Jiena għal dakinhar qed ngħidlek. Dakinhar qed ngħid jiena illi l-proġett kien qed jiġi imminat minħabba li kienu se jittieħdu ċertu deċiżjonijiet biex joħorġu minnu, qed tifhem? kien hemm ir- rapport ta' Nexia BT, kien hemm it-tfixkil li kien qed jagħmel –*

*Il-Qorti: Iva, imma allura inti ma tidħolx fiha; tagħhom se mai. Għax "our commercial take," is phrase indicating something positive which should happen. Mela hawnhekk ejja naraw x'se jkun commercial take, il-qligħ kummerċjali tagħna – "our commercial take." Dak li qed tgħid, għalhekk qed nifhmu lill-Ispettur, ma jikkombaċċja xejn, assolutament xejn mal-użu ta' dik il-frażi. Iktar domandi, Spett."*[100]

Kummenti ulterjuri huma superfluwi!

L-abbli uffiċjal prosekutur, konxju tal-*email* li intbagħtet minn Magro lil Bonello - bid-dettalji ta' meta kien ser jiġi pubblikat it-*tender* kif ukoll informazzjoni dwar Kollvik kien ser juza kumpanija Maltija sabiex jagħmel, intbagħtet fl-24 ta' Lulju, 2014 - jistaqsi lill-imputat kif xorta waħda ma raha xejn ħażin jiffirma **dikjarazzjoni t' imparzjalità u kunfidenzjalità fit-12 ta' Settembru 2014,**

[100] Fol.576-581

**xahrejn wara li ġa kien għadda dettalji kunfidenzjali lil Bonello.**[101] Hawnhekk Magro jerga jidħol fi sqaqien ta' spjegazzjonijiet li ma jagħmlux sens u li ma jħallu ebda dubbju dwar kemm huma inveritjieri:

| | |
|---|---|
| *"Pros:* | *Allura inti qatt ma stajt tiffirmaha din għax inti ma kontx imparzjali għax kont diġà iffavorajt lil xi ħadd.* |
| *Ix-xhud:* | *Imma imma **b'dak li infurmajt** lil Victor Bonello jien ma ksirt l-ebda confidentiality għax id-data li kien hemm kienet pubblika.* |
| *Pros:* | *Le, le, stenna. Li Kollvik kellhom kumpanija Maltija jew ma kellhomx, kienet pubblika?* |
| *Ix-xhud:* | *Jekk wieħed jagħmel riċerka dwarha –* |
| *Pros:* | *Le, inti għidt pubblika.* |
| *Il-Qorti:* | *Le, le –* |
| *Pros:* | ***Inti għidt li kienet pubblika. Din l-informazzjoni li għaddejtlu inti, meta ħa joħroġ it-tender, mela t-tender għadu ma ħariġx, inti qed tinfurmah meta joħroġ it-tender, mela għadu mhux pubbliku, xħin joħroġ it-tender ikun pubbliku, u li l-Kollvik għandha rappreżentant jew m'għandhiex Malti; dawn it-tnejn mhumiex pubbliċi; inti hemmhekk għaddejt informazzjoni li ma kellekx tgħaddi, għal, forsi, kif ktibt inti, għal "our commercial take." Jiena hekk naħseb li għalhekk inti għamilt dan kollu.*** |
| *Ix-xhud:* | *Iva, imma jiena ifhimni 'l hawn, jiena weġibt għal darba darbtejn qed ngħid x'kienet ir-raġuni li wasslet biex jiena nibgħat dik l-email, qed tifhem? jiġifieri –* |
| *Pros:* | *Imma inti din meta mlejt id-declaration inti ma ħassejtx illi inti qed tiffirma dokument li ma tistax tiffirma jew qed tagħmel illegalita?* |
| *Ix-xhud:* | *Jiena nħoss li stajt niffirmaha dik għax jiena onestament fil-proċessi kollha ma tajt l-ebda vantaġġ lil ħadd. ...* |
| *Pros:* | *U inti meta ltqajt ma' rappreżentant tal-Kollvik?* |
| *Ix-xhud:* | *M'għandix data.* |
| *Pros:* | *Jekk ngħidlek li ltqajt qabel ma ħareġ it-tender?* |
| *Ix-xhud:* | *M'għandix data, ......* |
| *Pros:* | *Però ltqajt ma' Kollvik qabel ma ħarġet id-declaration żgur.* |
| *Ix-xhud:* | *Iva, imma biex iddiskutejna, u ma kontx waħdi jiena, it-technical terms, qed tifhem? jiġifieri –...* |
| *Pros:* | *Mela inti meta ltqajt ma' Kollvik? Wara li ħareġ it-tender jew qabel ma ħareġ t-tender?* |
| *Ix-xhud:* | *Le, le, jiena li għandi idea kien ġie Malta tal-Kollvik biex jispjegalna t-technical terms tal-composter tal-kumpanija tiegħu. U dak kien qabel it-tender.* |
| *Pros:* | ***Qabel ma ħareġ it-tender iltqajt miegħu inti.*** |
| *Ix-xhud:* | *Mhux iltqajt miegħu jiena; iltaqgħet miegħu l-Assoċjazzjoni.* |
| *Pros:* | ***U kellek id-dettalji tiegħu inti u għaddejthom ..... lis-Sur Victor Bonello.*** |
| *Ix-xhud:* | ***Naqblu eħe, għaddejthomlu f'dik l-email eħe."***.[102] |

[101] Fol.581. **Dok.YF9** a fol.87
[102] Fol.581-583

Illi għandu jiġi emfasizzat li l-mod li ħadem bih l-Evaluation Committee u d-deċiżjoni li ttieħdet minnu, mhumiex taħt skrutinju minn din il-Qorti tenut kont li huwa biss u esklussivament l-għemil tal-imputat fix-xhur ta' Lulju u Settembru 2014 li jikkonċerna l-mertu ta' dan il-każ u ċioè l-rwol tiegħu fiż-żmien li ppreċeda l-għażla tal-offerti mitfugħa minn dan il-Kumitat (Evaluation Board/Committe[103]). Għaldaqstant il-Qorti mhux ser tagħmel riferenza għal dak li jikkonċerna l-proċess tal-għażla *per se*.

**Mario Schembri,** Managing Director ta' IAS Environment, jixhed li kien tqabbad bħala *external expert* fuq il-proġett SCOW u għadda biex spjega l-rwol tal-kumpanija tiegħu fl-*evaluation process*.[104]

Schembri iddeskriva kif l-AIS, rappreżentata minn Ruth Debrincat, filwaqt li ma kellha l-ebda rwol fuq id-*decision-making process* kien li jirrakkomandaw lil klijent (AKL) li l-proposta li hemm quddiem il-kumitat t'evalwazzjoni tkun *technically compliant* u jikkonferma li ma kellu l-ebda influwenza fid-deċiżjonijiet li ittieħdu *"jekk ikollna influwenza we will walk away"*. F'dan it-*tender* xi żewġ offerti kien hemm.[105] Semma kif Magro kien il-*point of contact* bejn AIS u AKL u qatt ma talbu xi flus. Daqs kemm rebaħ *tender*s ta' konsulenza tilef.[106] Mill-offerti li ntefgħu waħda biss kienet *technically compliant*.[107] Ix-xhud saħaq li Debrincat ma kienitx fuq l-Evaluation Board peress li l-AIS ġiet inkarigata sabiex tħejji rapport tekniku dwar l-offerti biex jiġi assigurat li jilħqu l-kriterji stabbiliti.[108]

In kontro-eżami kkonferma li hu qatt ma raha l-impjant meta dan wasal Malta kif ukoll li *partners* fil-proġett kellhom għażla jixtrux dak l-impjant jew oħrajn. Mitlub jikkummenta dwar kienx konxju tal-fatt li l-impjant mixtri qatt ma tħaddem, jgħid li dak mhux dovut biss għall-makkinarju innifsu iżda seta' kien kawża ta' fatturi iżda dwar dan hu ma kellu l-ebda responsabbiltà.[109]

Ikkunsidrat ukoll,

Qabel ma din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-provi saljenti, hu opportun li jiġi kjarifikat dak l-għemil li l-imputat ġie akkużat dwaru, anke tenut kont tan-nota prezentata fit-8 ta' Novembru, 2024.

---

[103] Termini użati *interchangeably*
[104] Fol.757-759
[105] Fol.760-764
[106] Fol.763
[107] Fol.764
[108] Fol.765
[109] Fol.767-769

Din in-nota ġiet preżentata minnu in sostenn tal-linja difensjonali tiegħu. Fiha hemm lista tal-kontenut tal-files li nġabru mill-Pulizija mingħand l-AKL li jirrigwardaw il-ħruġ, l-ipproċessar u l-eventwali evalwazzjoni tat-*tender*.

Jibda biex jingħad li l-imputazzjonijiet addebitati lil Magro assolutament ma għandhom ebda ness ma dawk il-files u ċioè mal-proċess tal-ħruġ, proċessar evalwazzjoni u dak li finalment ġie determinat mill-Evaluation Committee.

Għajr għad-dokument dwar kunfidenzjalità li ffirma l-imputat[110]u l-informazzjoni dwar il-*bidder* Beitia u l-kumpanija Kollvik li jissemma minn Magro kif ukoll Bonello, dik id-dokumentazzjoni sservi biex turi l-proċess sħiħ tat-*tender* u l-*evaluation* tal-*bidder*s rispettivi. Fuq dan il-proċess ma hemm ebda dell ikrah.

Jiġi daqstant ieħor sottolinejat li l-prosekuzzjoni fl-ebda waqt ma tallega, anzi lanqas biss tinsinwa, li xi uffiċjal ieħor għajr Magro, involut fil-proċess tal-għażla ma mexxiex korrettament. Jingħad li ma hemmx kontestazzjoni rigward it-*tender process* per se; ma hemm ebda allegazzjoni li dan ġie vvizzjat minħabba xi għemil ta' xi terz!

<u>Hu biss l-għemil tal-imputat lill'hinn mill-proċess formali</u> imsemmi li l-imputazzjonijiet jirrigwardaw. Il-fatt li Bonello ma kienx ħaqqu jieħu t-*tender* mhux mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet, irrispettivament mill-fatt li jidher li din kienet it-teżi ta' Bonello.

F'din il-kwistjoni il-Qorti ma għandhiex tidħol għaliex l-imputazzjonijiet jirrigwardaw għemil speċifiku li dwaru ma hemm ebda prova fil-files uffiċjali.[111] Wara kollox l-għemil inkriminat għandu jorbot mal-*email* mibgħuta f'Lulju, 2014 li tirrigwarda l-ewwel round tat-*tender* għall-makkinarju, fejn Bonello ma kienx laħaq għamel offerta ma Disma Attard għaliex qatt ma ġiet *submitted.* <u>Din l-email ma nstabitx fil-files meħuda mill-AKL!</u>

Tant hu hekk li hi *email* ntbagħtet mill-*email* account personali, u mhux dak assenjat mal-AKL u ċioè **jmagro@AKL.org.mt**, li hi l-pern tal-imputazzjonijiet aktar serji. Din tirrigwarda l-allegata talba magħmulha mill-imputat sabiex jixxaħħam talli kien qed jiffaċilita l-assenjazzjoni tat-*tender* lill-offerta ta' Bonello. Ċertament dik l-*email* propju minħabba l-kontenut, **ma ġietx *filed* mill-imputat bħal ma għamel b'*emails* oħra.** Għalhekk qatt ma setgħet tinstab qalb id-dokumenti elevati mingħand l-AKL!

[110] Kopja esibita bħala **Dok.YF9** a fol.87
[111] **Dok.WB1-Dok.WB23**

Dan il-każ għalhekk jiffoka esklussivament fuq l-għemil tal-imputat in kwantu hu allegat li naqas minn dmirijietu meta mhux talli beda **jaghti informazzjoni kunfidenzjali dwar it-*tender* li kienet ser tiġi pubblikata, iżda sahansitra ta' dan talab li jithallas.**

Għalhekk il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet minn tagħha ser tkun qed tikkonċentra esklussivament fuq dawk il-provi li jorbtu lill-imputat mal-għemil inkriminat u ċioè (i) l-għoti t'informazzjoni kunfidenzjali dwar *tender* meta dan kien għadu qed jiġi mfassal bi ksur tad-*Declaration of Impartiality and Confidentiality* datat it-12 ta' Settembru 2014 u (ii) kif l-imputat talab biex jitħallas għas-sehem tiegħu b'*email* mibgħuta fl-24 ta' Lulju 2014, liema ħlas baqa ma sarx!

Sekondarjament ser tikkunsidra jekk jirriżultax ir-reati ta' frodi kif imputati bl-ewwel tliet imputazzjonijiet.

## Provi Saljenti

1. Fl-istqarrija[112] tiegħu Magro jgħid li kien jamministra proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropeja wara li tkun saret riċerka fuq sejħiet li jkunu nfetħu. Hu kien jagħmel ir-rapport t'evalwazzjoni tat-*tender*s li kien jitla mal-file tat-*tender* għand l-Eżekuttiv għall-approvazzjoni.

2. Għalkemm fix-xiehda minn tiegħu jgħid li ma kienx tekniku tant li kien jinħtieġ titqabbad ditta li kienet tifhem fit-teknikalitajiet involuti, f'*email* mibgħuta minnu lil Dr. Marc Sant, li kien jippresjedi l-AKL datata it-12 ta' Settembru, 2014[113] **kien l-istess imputat li talab** *"Due to the technicality of the works,* ***I am requesting that I should form part*** *of the Evaluation Committee"!!"*

3. F'wieħed mill-files tat-*tendering* document rigward SCOW, kien hemm dokument oriġinali ffirmat mill-imputat u ċioè *Declaration of Impartiality and Confidentiality* datat it-12 ta' Settembru 2014 li ma għandu l-ebda konflitt t'interess u li fir- rwol tiegħu ser jaġixxi imparzjalment skond ir-regolamenti.[114]

   F'dan id-dokument Magro jiddikjara:

   *"I the undersigned hereby declare that .......*

[112] **Dok.YF2** a fol.32 et seq
[113] **Dok.JM5** a fol.722
[114] **Dok.YF9** a fol.87. Kopja oriġinali fil-Files elevati mill-AKL D**ok.WB5 a fol.50**

*I am **independant**[115]**of all parties which stand to gain** from the outcome of the evaluation process. To the best of my knowledge and belief, there are no facts or circumstances, past or present, or that could arise in the forseeable future, which might call into question my independence in the eyes of any party; and should it beome apparent during the course of the evalution process that such a relationship exists or has been established, I will immediately cease to particiapte in the eevlaution process.*

*I agree to hold in trust and confidence any information or documents ("confidential information") disclosed to me or discovered by me or prepared by me in the course of or as a result of the evaluation ......"*

4. Dak id-dokument jikkontjeni dikjarazzjoni falza in kwantu xahar u nofs qabel kien l-istess Magro li bagħat *l-Email* datata 24-25 ta' Lulju 2014, mgħoddija lill-Pulizija minn Victor Bonello. F'din il-*mail* jirrizulta li Magro għadda l-*email address* u *mobile number* ta' Beitia lil Bonello. Kollvik (ta' Beitia) kienet kumpanija li tissupplixxi *composters* li l-AKL li kienet interessata takkwista permezz ta' *tendering*.

   Kien għalhekk li nħoloq konflitt t'interess għal Magro meta hu qed jgħaddi dettalji lil Bonello meta kien propju hu, bħala membru fuq l-*adjudicating board* li kellu jagħżel l-offerta rebbieħa![116]

   Fl-istess *email* Magro ippropona laqgħa ma Bonello biex jiddiskutu l-*"commercial take into this too"*.[117] Din l-*email* tiġi ikkunsidrata aktar l-isfel.

5. Magro informa lil Bonello li t-*tender* (li kienet tirrigwarda l-makkinarju) kienet ser jkun *online* mit-30 ta' Lulju, 2014 – **jiem qabel mat-*tender* ġiet pubblikata** - u li jagħlaq fit-12 ta' Settembru, 2014. L-IAID rrimarkaw kif il-*contact details* ta' Beitia ma kienux aċċessibbli *online* u kif fil-fatt it-*tender* ġiet pubblikata fid-data li jsemmi Magro.

   B'hekk jirrizulta li **Magro diġà kien iddeċieda li l-magna kienet ser tinxtara mingħand l-istess Beitia**, u allura kien diġà qed jiltaqa' ma nies u jgħaddi d-dettalji ta' Beitia biex iġibu *quotations* u jippreżentaw l-offerta tagħhom.

6. L-*Email* li Magro bagħat lil Bonello datata l-24 ta' Lulju, 2014 fil-**7:45pm**

[115] ***"Taking into consideration whether there exists any past or present relationship, direct or indirect, whether financial, professional or of another kind"***
[116] Fol.18
[117] Fol.16-17

Din kienet tgħid is-segwenti:

> *"Victor*
> *The contact is as follows:*
> *Mr Abdon Beitia*
> *Mobile: 0034-609-031-858*
> *Email: ab@kollvik.com*
> *Website: www.kollvik.com*
>
> *Vic you **have** to compete as he already has a Maltese company so you have to convince him to change to your company.*
>
> ***I need to meet you to discuss our commercial take in this too.***
>
> *The tender will be online as from Wednesday 30th July and closes on Friday 12th September 2014. There is alot of work to be done and **it has to be** a first class submission as we have strict evaluation regulations."*[118]

Iqumu s-segwenti mistoqsijiet, li t-tweġibiet għalihom huma ovvji:

a. Kif kien jaf l-imputat li dan Beitia kien ser jagħmel offerta jekk ma kienx ġa tkellem miegħu??

b. Għaliex l-insistenza ***"you have to compete"?***

c. Għaliex kien hemm il-ħtieġa jiltaqa' mal-*bidder* personalment u mhux jikkomunika miegħu permezz ta' *email* biex iħalli *footprint* diġitali u tinżamm mar-rekords relattivi tal-AKL?

d. Ir-rikjesta għal *commercial take* torbot mas-sentenza ta' qabel fejn qed iħeġġu jġiegħel l-Ispanjol ibiddel il-kumpanija li magħha kien ser jagħmel l-offerta.

   Ara x'informazzjoni diġà kellu Magro biex kien mgħarraf b'dan, meta dan suppost jibqa' l-fuq minn kull diskussjoni ma *potential bidder*s jew għallinqas ġimgħatejn wara ma jiddikjarax li ma għandux konflitti t'interess!!

e. In segwitu Bonello u Magro iltaqgħu l-Pavi u kien hawn li Magro talab li jingħata għaxart elef (10,000), Ewro jew Liri Maltin għaliex

[118] **Dok.JLS** a fol.365

Bonello mhux ċert dwar dan għalkemm wara jissemmew LM25,000.[119]

f. Jiġi sottolinejat li filwaqt li Magro jgħid li hawnhekk kien qed jitkellem dwar l-profitt li kien qed jistenna għal AKL, ma nġabet lanqas traċċa ta' prova oħra li turi li l-imputat mexa l-istess ma potential *bidder*s oħra.

g. Għalhekk għaliex dan l-interess biex jirnexxi l-proġett urieh biss ma Bonello meta kien hemm bidders oħra??

**7.** Jirriżulta li l-*email* li intbagħtet mill-imputat lil Bonello kellha l-**indirizz privat tal-*gmail* tal-imputat** **jimmy.magro@gmail.com**.

**B'kuntrast,** l-*email*s li jinsabu fil-files li ġew elevati mill-uffiċju tal-AKL u li hemm riferenza għal wħud fin-nota preżentata mill-imputat, kollha ntbagħtu mill-indirizz uffiċjali tiegħu w ċioè dak jmagro@AKL.org.mt.

Filwaqt li l-imputat hu pront jesebixxi *email*s uffiċjali mibgħuta minnu, din l-*email* kellha tiġi *downloaded* mill-Pulizija tas-Cybercrime minn fuq il-*laptop* ta' Bonello.[120]

**8.** Filwaqt li jsemmi li ma Bonello kien ltaqa biss darbtejn fi zmien li dan kien jaħdem mal-Marsovin u wara ma Montecristo, magħdud mal-fatt li Bonello xehed li *waste management* kien iqisu *hobby* tiegħu w fejn ma jidher minn imkien li dan l-interess tiegħu kien magħruf mal-erbat irjieħ, hi ħaġa tal-iskantament hi li minn tant nies, Magro lil Bonello għażel biex jikkuntattja:

> *"U biex ahna jkollna assikurazzjoni li jsir il-proġett u min jitfa' t-tender ikun kapaci jonorah ahna xtaqna li l-bidders ikunu Maltin. Infurmajt lil Victor Bonello li hemm din il-possibilta' iżda bil-proviso li x-xogħol li se jissottometti jrid ikun first class submission as we have strict evaluation regulations u dak ifisser li se jikkopeti ma' kompetituri ohrajn minghajr ma jingħata ebda vantagg."*[121]

**9.** Fl-*email thread* jidher li nhar l-24 ta' Lulju 2014, **fis-7:45pm – barra k-ħinijiet tal-uffiċju**! – Magro bagħat lil Bonello il-*contact details* ta Abdon Beitia fejn qed jinfurmah b'informazzjoni li dan Beitia diġà kien ser

[119] Fol.401
[120] **Dok.YF7** u **YF 8** a fol.84-86
[121] Interrogazzjoni ta' John Mary Magro a fol.35

jagħmel offerta tramite kumpanija Maltija oħra u li kien jeħtieġ li Bonello jikkonvinċieh jaħdem miegħu u hemm imbghad jgħidlu:

> ***"I need to meet you to discuss our commercial take in this too"* filwaqt li jinfurmah li t-*tender "will be online as from Wednesday 30th July and closes on Friday 12th September 2014"*.**[122]

Il-Qorti tirrimarka:

**a.** Għaliex Magro ħass il-ħtieġa li jikkomunika ma Bonello propju barra l-ħinijiet tal-uffiċju u ċioè fit-**tmienja nieqes kwart ta filgħaxija (19:45)?**

b. Għaliex ħass li għandu jinfurmah bil-ħruġ tat-*tender* intiż li jiġi pubblikat sitt ijiem wara? Sitt jiem biss qabel il-ħruġ tat-*tender*?

c. Kemm il-darba fi kliem l-imputat kollox kien *above board*, għaliex ma inserix kopja ta' din l-*email* fil-files li kienu jirrigwardaw dan il-proġett?

d. Għaliex ma użax l-*email* uffiċjali iżda uża dak privat tal-*gmail*?

e. Kemm il-darba ma kien hemm xejn illeċitu li qed jiġi propost, għaliex għażel jiltaqa' ma Bonello il-Pavi u mhux fl-uffiċju tiegħu tal-AKL?

f. Iktar importanti minn hekk, għaliex kellu jiddiskuti fizikament ma Bonello xi ħaġa li skond hu kienet tikkonċerna aspett kummerċjali inokwu u mhux qal li kellu jgħid u jispjegaha b'*email*.

g. Kuntrarjament għall-*email* mibgħuta nhar 24.07.14 lil Bonello klandestinament mill-***gmail account*** tiegħu, Magro uża l-*email* uffiċjali tiegħu jmagro@AKL.org.mt biex fl-1.09.2015 ikkomunika ma Bonello w infurmah li jista' jintavola appell mid-deċiżjoni li l-offerta tiegħu ġiet rifjutata w ċioè u fejn kienu ikkupjati diversi persuni oħra.[123]

**Fl-*email* mibgħuta mill-gmail ma ġie ikkupjat ħadd aktar!!**

[122] Fol.365 ta' **DOK.JLS**
[123] **Dok.JM12** a fol.739

10. Jibqa' l-fatt li anke kieku kien il-każ li din l-*email* kienet tassew intiża biex jiddiskuti aspett tat-*tender* – xi ħaġa li l-Qorti ma temminx! – dan kien aġir illeċitu li jikser l-obbligi t'imparzjalità u kunfidenzjalità. Ċertament hadd mhu ser jieħu sogru għal xejn u għalhekk tassew jagħmel sens li ried jiddiskuti ma Bonello x'kien ser jigwadanjaw t-tnejn li huma: "**our**". L

11. Li kieku bil-kelma **"our"** kien qed jirreferi għal AKL, allura kellhom jiġu ikkupjati persuni oħra kif sar fix-xeba' *email*s oħra li jifformaw parti mid-dokumentazzjoni tal-Files konċernanti dan il-proġett!

    a. Kif **hadd iktar mill-*evaluation committee* jew mill-esperti tekniċi ma kienu *roped in* jew minn tal-anqas infurmati b'dawn id-diskussjonijiet dwar *"our commercial take"* li Magro ried jikkonsulta dwarha ma Bonello?**

    b. Li hu żgur hu l-fatt li Magro żgur ma ħariġx għonqu għal Bonello għal xejn b'xejn u sempliċiment jipperikola l-impjieg tiegħu w jivvizja proċess tal-AKL b'fondi Ewropej għax għandu qalb kbira!

    c. Assolutament ma jagħmilx sens dak li jixhed *viva voce* u ċioè li dak li ried jiddiskuti, barra mill-uffiċju tal-AKL il-bogħod mill-għajn tan-nies fi ħdan l-AKL, li bil-kliem ***"our commercial take too"*** kien qed jirreferi għal profitt li dan il-proġett kien kapaċi jiġġenera kemm għal AKL kif ukoll għal *bidder*s.

12. Jekk hekk hu, għaliex indirizza din il-kwistjoni lil Bonello biss u mhux ukoll ma *bidders* oħra?

13. Possibbli li ma jafx, bħala konsulent u membru fuq *adjudicating board*, li t-*tender document* innifsu jkun imfassal wara li jkunu saru dawn il-konsiderazzjonijiet fejn l-*standards* u *pre-requisites* ikunu ġew pubblikati propju sabiex *bidder*s jitfgħu l-offerti tagħhom?

14. Tassew l-imputat iqis li l-Qorti hi nieqsa mis-sens komun jew addirittura imbeċilli li temmen din it-teżi? Kienet l-AKL, li tagħha l-imputat kien rappreżentant u **factotum**, li kellha interess li l-proġett ikun kummerċjalment u finanzjarjament vijabbli u jiġġenera profitt għaliha. Imbghad sta għal *bidder*s li jaraw jekk setgħux jilħqu l-miri stabbilit fit-*tender* bi profitt għalihom.

    Qatt ma nstema li min joħroġ *tender* joqgħod jara jekk u kemm ser isir gwadann mill-*bidder*s rispettivi! U Alla jbierek ġieħ dan it-tħassib u bdiet taħarqu qalbu dwar *bidder* wieħed biss li skond hu kien ilu ma jiltaqa'

miegħu snin minn meta kien jaħdem mal-Marsovin u wara ma Montecristo!!

**15.** Fix-xiehda tiegħu Magro jagħmel riferenza għaċ-Chatgbt biex jispjega għaliex uża il-kliem *"commercial take"*. Tenut kont li Chatgbt 3.5 ġie *launched* fl-aħħar ta' Novembru 2022 fl-2014, meta ntbagħtet l-*email* b'din il-frażi, lanqas il-verżjonijiet rudimentari tiegħu ma kienu għadhom ġew krejati!![124]

**16.** Magro jikkonferma wkoll li wara ntrebaħ it-*tender* mar ikla ma Disma Attard li kien ippjanaha.[125]

**X'serjetà, x'etika** jħaddan Magro! Mar waħdu għand Disma Attard mingħajr xi membru iehor mill AKL jew min kien involut fil-proċess. **Ir-raġuni hi ovvja!**

**17.** Finalment dwar din l-*email* jiġi osservat li fit-trattazzjoni tagħha l-imputat jipprova jispjega l-kliem *"our commercial take"* billi jallaċċjaha mar-rapport ta' Nexia BT li jingħad intbagħat lil Disma Attard fejn ikkonkludew li l-proġett ma kienx wieħed vijabbli.[126]

a. Hu propju hawn l-imputat jiżgarra għaliex kemm il-darba dan hu minnu, xi bżonn kellu Magro jiddiskuti *"our commercial take"* ma Bonello u mhux mad-Disma?

b. Bonello kien ġa konvint li l-proġett kien finanzjarjament vijabbli għalih, riedu bis-saħħa irrispettivament jekk kienx ser jagħmel profitt jew le. **Mhux talli hekk, kieku kien juza il-kliem *"your"* u mhux *"our"*!**

c. Iktar minn hekk ma treġġix l-ipoteżi li Magro ma setgħax ikellem lid-Disma għax ma kienx jafu. Wara kollox meta rebħu l-ewwel *tender* tas-*site*/tined fejn kellu jitpoġġa l-makkinarju kienu ħarġu jieklu flimkien La Spigola, fatt li ikkonfermah l-stess Disma Attard[127] u l-imputat innifsu![128]

---

[124] History Of ChatGPT: A Timeline Of Generative AI Chatbots (searchenginejournal.com)
[125] Fol.586
[126] Fol.780
[127] Fol.40 kif ikkonfermat *viva voce* meta xtaq li l-Qorti tistrieħ fuq ix-xiehda tiegħu li taha quddiem il-PCAC.
[128] Fol.401

Fl-aħħar nett għal kompletezza jiġi osservat li dan ir-rapport ta' Nexia BT baqa mhux preżentat in atti.

Ikkunsidrat,

<u>Korroborazzjoni tal-verżjoni ta' Bonello u l-Involviment tal-Imputat fit-*Tendering Process*</u>

Diversi huma l-istanzi fejn mill-evidenza miġbura, u mhux anqas mix-xiehda mismugħa, il-verżjoni ta' Bonello tiġi korroborata. Dan iwassal il din il-Qorti biex tagħti kredibbilità lil din ix-xiehda minn tiegħu w ser tistrieħ fuqha.

Magħdud dan iżda, il-Qorti mhux qed tqis lil dan Bonello bħala xi qaddis għaliex wara kollox, kien jaf ben tajjeb li dak propost lilu kien illegali u ma iddejjaq xejn jara kif idawwar lira anke jekk din kienet ser tkun provvenjenti minn attività illeċita, u ċioè bħala riżultat ta' informazzjoni miksuba minn hadd għajr dak li kien ser ikun qed jiġġudika l-istess *tender* li kien interessat jagħmel l-offerta għaliha!

Fil-fatt Bonello ma tnaffar xejn milli jmur jiltaqa' ma Magro wara li rċieva l-*email* tiegħu. Il-Qorti temmen li kieku l-istess Bonello kellu l-fondi biex iħallas lil Magro, kien ittihomlu bla tlaqliq. Iktar u iktar jekk l-ammont kien dak biss ta' għaxart elef ewro!

Bonello ma jiddejjaqx jpoġġi lilu innifsu f'dawl ikrah meta jixhed kif anke kien hemm *commission* lesta għalih inkluża fil-prezz tat-*tender* li kien se jkun *front* tagħha għal Kollvik:

> *".... sadattant iltqajt mal-Ispanjol. L-Ispanjol ġie Malta, dan Abdon insejt x'kunjomu, tal-Kollvik imma, li huwa l-managing director tal-Kollvik u hadnih jiekol l-Ispigola, jiena Disma u hu. U dan l-Ispanjol, hadnih jiekol l-Ispigola u hemmhekk jiena ghidtlu li s-Sur Jimmy Magro kien qed jitlobni <u>hamsa u għoxrin elf ewro</u> u dan irrabja hafna ghas-Sur Jimmy Magro għax apparanetement kien jafu lis-Sur Jimmy Magro dan. Dawn iltaqghu barra minn Malta si vede, kien jafu u qalli Madonna, beda jgorr u mbagħad qalli ha nghidlek kif se naghmlu, qalli ha ntik l-irħas prezz. Qalli jiena se nittenderja through three or four people, qalli biex nohodha din it-tender, qalli pero' lilek se ntik l-iktar prezz baxx fosthom. Qalli kemm trid commission. U qbizt jien u ghidtlu jiena ma rrid xejn commission, ghidtlu jiena rrid magna li tagħmel compost tajjeb għax jiena ghandi bzonn il-materjal mhux l-ghaxart elef tal-magna, jigifieri jiena ridt il-qazba biex nistad mhux il-huta. U dan qalli le qalli hadd ma jaħdem għal xejn, qalli ha ntik qalli prezz irħas milli tajt lill-ohrajn qalli pero' go fih se jkun fih ghaxart*

*elef għalik. U dan tani prezz. Hdimt it-tenders u l-Euraform xorta kienet irħas mill-prezz li tani l-Ispanjol. Hdimt it-tender, lestejt kollox, hadtu għand id-Disma."*[129]

Il-Qorti ma tistax ma tissottolinejax kif qed tagħti kredibbilità lix-xhud Bonello li mhux talli bix-xiehda tiegħu juri li ma ddejjaq xejn juri li kieku kellu l-flus kien lest jagħmel reat billi jxaħħam lil Magro biex jirbaħ it-*tender*, iżda iktar minn hekk, id-dettalji li jagħti fejn fl-ebda ħin ma jipprova jżejjen il-verżjoni tiegħu, kif faċilment seta' jagħmel. Eżempju ta dan hu li meta qed jitkellem dwar it-talba li għamel Magro għal għaxart elef jgħid li ma hux ċert jekk dawn kienux Euros jew Lira Maltija, fejn din tal-aħħar konvertita f'Ewro kienet tammonta għal mal-għoxrin elf ewro! Xehed hekk:

*"Sadattant kellna laqgħa jiena u Jimmy Magro l-Pavi, l-kafetterija fejn Jimmy Magro spjegali li kien għadu gej minn vaganza …. u kien nefaq hamest elef u li għandu jaghti hamest elef lil tat-taxxa u allura qed jippretendi li minn din l-affari jagħmel mill-inqas ghaxart elef. S'issa ma kontx naf jekk hux ewro jew liri Maltin imma ghaxart elef tkellimna jiena u Jimmy Magro........... Jien ghidtlu jiena ma nistax intik risposta, rrid inkellem lil Disma għax qeghdin shab fiha l-istorja. Mort lura u ghidt lil Disma. Disma qalli ma tarax, qalli hekk irid imur il-vaganzi u dan qalli jaħdem u jmur il-vaganza, qalli mhux se nhallsuhom ahna. Ghax jien ghidtlu lil Disma, ghidtlu jien mhux lest nohorg lira ghidtlu għax m'ghandix minn fejn u jien ergajt iltqajt ma' Jimmy Magro, ergajt il-kafetterija tal-Pavi u ghidtlu u Jimmy Magro rrabja u qalli jigifieri qalli ma tajtx it-tender lil Pawlu Xuereb qalli se ntiha lilkom u jien ma jmissni xejn, qalli ha nkellem lil Disma jien.*[130] *… mbagħad ircevejt telefonata mingħand id-Disma qalli ejja ha nkellmek, qalli għax ġie dak il-hanzir qalli u ltqajna s-Sibt, mort għandu s-Sibt, għand id-Disma. Qalli ġie hawn ma' Chris Cassar, qalli tal-Delong [King Long], qalli pprova jgeninni biex ma nahdimx meighek, qalli ma' Chris, qalli u talabni hamsa u għoxrin elf u hemm l-ghaxra saru hamsa u għoxrin elf ewro. Hemmhekk kienet it-transaction bejn l-ghaxra u l-hamsa u għoxrin elf....Dik l-istorja".*[131]

Il-Qorti tirrimarka li l-fatt li Attard jsemmi għoxrin €25,000 bħala l-ammont mitlub minn Magro,[132] magħdud mal-fatt li l-istess Bonello ma ftakarx jekk l-ammont tal-għaxart elef, 10,000, mitluba mill-imputat kienux fid-denominazzjoni ta' Liri Maltin jew Ewro, hawn jidher li l-ammont kien dak fl-Liri Maltin li konvertiti f'ewro jqarrbu din is-somma.

Però hu għal kollox irrelevanti, għal mertu tal-imputazzjonijiet miġjuba, kemm kien l-ammont għaliex il-pern ta' kollox hi t-talba nfisha għal-flejjes jew xi rigal iehor.

---

[129] Fol.255
[130] Fol.253-254
[131] Fol.256-257
[132] Fol.401

Jibqa' l-fatt li ġaladarba Bonello ma riedx iħallashom kollha hu, iddeċieda li jgħid dak li qallu Magro lil Disma Attard u jaraw jekk bejniethom kellhomx ixxaħħmu lil Magro!

Ikkunsidrat,

**1.** Il-Qorti rat kif il-Pulizija irnexxielha takkwista *records* mill-Bank of Valletta bil-għan ewlieni jkun dak li tikseb korroborazzjoni għall-verżjoni li taha Bonello meta jgħid li fil-laqgħa li kellu ma Magro l-Pavi, dan semmielu li għandu bżonn l-għaxart elef mhux biss biex iħallas għal xi btala iżda minħabba li kien waqa lura fuq pagamenti tat-taxxa.

Tenut kont li Bonello ma kellux aċċess għall-kontijiet bankarji tal-imputat, il-provi wrew li kliem f'dan is-sens tassew intqal, għaliex mid-dokumentazzjoni provduta mill-bank lill-Ispettur Farrugia,[133] li ġiet konfermata minn rappreżentant tal-bank, tidher **inkonsistenza fil-pagamenti lid-Dipartiment tat-Taxxa, li kien jagħmel Magro sal-aħħar ta' Lulju 2014, id-data li fiha saret il-laqgħa bejniethom u qabel ma ħarġet it-*tender online* fit-30 ta' Lulju, 2014.**

L-Ispettur Farrugia tixhed:

> *"Kull sena kien jagħmel diversi pagamenti kull ftit xhur. Issa meta tikkompara s-snin tat-2013, il-pagamenti li kien jagħmel kienu ta' [€300, €300, €300, €233]. Pero' meta morna ghas-sena 2014, is-sena 2014 il-pagamenti kienu [€1,440, €1,000, €1000, €1,000, €1,000] jigifieri huwa dan jikkombaca ma' dak li qalilna Victor Bonello illi ovvjament Victor Bonello ma kellux access ghar-rendikont tal-bank ta' Magro pero' Victor Bonello kien qal illi meta kien mar ikellmu l-Pavi, dan is-Sur Magro beda jilmenta illi għandu kontijiet pendenti mal-IRD u li jrid iħallas il-kontijiet u li allura qed jippretendi xi hamest elef u hamest elef u fil-fatt ghas-snin tal-2015 kull ma kien hemm żewġ pagamenti li wkoll kienu ammonti [€1781 u €1780] u 2016 regghu nizlu. Kull ma kien hemm erba' pagamenti ta' [€429] u tliet pagamenti ta'[ €1,000] each. Jigifieri compared ma' snin oħra, 2014 is-Sur Magro hallas [€5, 440] taxxa lil IRD u dawn hallashom mill-15 ta' Settembru 2014 sal-31 ta' Dicembru 2014, jigifieri fl-ahhar tliet xhur tas-sena."* [134]

**Dan juri li fiż-żmien li saret il-laqgħa ma Chetcuti, Magro kien mitlub jagħmel pagamenti konsiderevolment akbar lid-Dipartiment tat-Taxxa, il-fuq minn elf Ewro kull xahar; somma li anke l-ikbar sinjurun iħossha!!**

[133] **Dok.YF12** a fol.98 et seq
[134] Fol.27

**Silvio Chetcuti**, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta, ikkonferma *bank statements,*[135] oriġinarjament esibiti mill-Ispettur Yvonne Farrugia, li juru l-pagamenti li Magro għamel (mill-kont *****22021) permezz ta' internet banking (24/7) lil Inland Revenue Department. Ix-xhud anke esebixxa lista tal-imsemmija pagamenti lil dan id-dipartiment:

- ***2013:***

  <u>Kont nru. ***22021</u>

  14.09.2013 300[136]
  11.11.2013 300
  14.11 2013 300[137]
  14.12.2013 233[138]

- ***2014***

Propju f' Settembru 2014, bit-talba għall-laqgħa ma Bonello issir fl-24.07.2014 jinsabu dawn il-pagamenti lid-Dipartiment tat-taxxa:

30.09.2014 – 1,000[139]
31.10.2014 – 1,000[140]
28.11.2014 – 1,000[141]
31.12.2014 – 1,000[142]
30.12.2015 – 1,780[143]

<u>Kont ****99237</u>

15.09.2014 - €1,440[144]

- ***2015***

  <u>Kont nru ****24918</u>

---

135 **Dok.YF12** a fol.98
136 Fol.152
137 Fol.154
138 Fol.156
139 Fol.169
140 Fol.170
141 Fol.172
142 Fol.174
143 Fol.192
144 Fol.234

30.11.2015 - 1,781[145]
30.12.2015 - €1,780[146]

- ***2016***

Jidher li anke sal-2016 ma kienx għadu irregolarizza l-ammont dovut minnu lid-Dipartiment tal-Inland Revenue għaliex insibu li

Mill-kont **** 23452

31.10.2016 – 1,000
30.11.2016 – 1,000[147]
31.12. 2016 – 1,000[148]

Dan juri li filwaqt li l-ħlasijiet dovuti minnu lil Inland Revenue fl-2013 kienu pjuttost minimi - fl-ammont ta' €300 - il-ħlas dovut fl-2014-2016 spara għal €1,000 u anke €1,400 u dan propju inbeda fl-istess zmien meta saret il-laqgħa bejn Bonello u Magro wara l-24 ta' Lulju 2014, data li fiha bagħat l-*email* lil Bonello.

B'hekk tkompli tingħata aktar kredibbilità lil Bonello peress kieku dak id-diskors ma sarx, ċertament Bonello qatt ma seta jkun jaf x'pagamenti tat-Taxxa Magro kien qed jagħmel; qatt ma seta' ivvinta tali storja li kumbinazzjoni ġabha qrib il-likk!

**2.** Minn din l-istess dokumentazzjoni, irriżulta li Magro kien regolarment ikun fl-area tal-Pavi, peress li kien hemm għadd ta' *cash withdrawals* mill-ATM tal-Pavi. [149]

Fil-fatt mill-kont nru. ****28136 jidhru numru kbira ta' ATM *withdrawals* magħmula mill-PAVI fl-2014[150]

**3.** Importanti wkoll sabiex filwaqt li jkompli jintwera għaliex il-Qorti qed tistrieħ fuq il-verżjoni ta' Bonello, u ċioè bil-korroborazzjoni tagħha minn dak mistqarr mill-istess Disma Attard, daqstant iehor issib li l-prosekuzzjoni qed tipprova l-każ tagħha fil-konfront tal-imputat tenut dak li jemerġi mill-istess xiehda ta' Attard.

[145] Fol.106
[146] **Dok.SC1** a fol.428
[147] Fol.226
[148] Fol.227
[149] Xiehda tal-Ispettur Farrugia a fol.27. Vide ukoll **Dok.SC1** a fol. 426
[150] Fol.112-117

Attard jikkonferma dak mistqarr minn Bonello li darba fost l-oħrajn, <u>flimkien ma Bonello mar jiekol fir-ristorant La Spigola ma ċertu Abdon, Spanjol</u>.[151] Dan ma hu hadd għajr ir-rappreżentant ta' Kollvik, il-kumpanija li kienu ser jagħmlu l-offerta tagħhom bil-makkinarju tiegħu!!

Minbarra dak li xehed quddiem din il-Qorti, Disma xehed ukoll quddiem il-PCAC. Din ix-xiehda saret <u>ammissibbli</u> ai fini tal-mertu ta' dan il-każ ġaladarba hu l-istess Attard li jagħżel jagħmel riferenza għaliha meta jixhed *viva voce*. Tant hu hekk li jinsisti kemm il-darba sabiex isir riferenza għal dak li xehed quddiem board u li kien iffirma għalih.[152] Hemm ġie rappurtat is-sintesi ta dik ix-xiehda:

> "*Disma Attard ikkonferma li hu kien vera qal lil Bonello li jekk Jimmy Magro irid il-flus, allura jmur jaħdem. 'Iva, hekk ghidtlek' (paġina 5 tad-deposizzjoni). Disma Attard ikkonferma wkoll li Jimmy Magro kien mar għand Disma Attard flimkien ma' Chris Cassar. Issikkat mic-Chairman, is-Sur Bonello ikkonferma li Disma Attard kien uża l-espressjoni 'dak il-hanzir ġie hawn'.*"[153]

Quddiem il-Qorti *viva voce* jiddikjara:

> *"<u>Iva. Mhux hekk qieghda bil-miktub? Ma nistax nghidlek mhux veru</u>...... Bonello, lili qatt ma talabni flus Jimmy Magri. Bonello dejjem qal li talbu il-flus ... Bonello talabni il-flus. Jimmy Magro qatt ma talabni flus. .... Jimmy Magro qatt ma qalli għall-flus jigifieri biex ikunu, l-affarijiet għax jiena la rrid inzid u lanqas innaqqas. Li hemm miktub."*[154]

Jagħmel għalhekk ħafna sens dak li jixhed Bonello meta jsemmi li malli wera lil Magro li Attard ma kienx lest iħallas xi flejjes, Magro mar għand Disma Attard flimkien ma *bidder* prospettiv ieħor, Chris Cassar.

Jiġi sottolinejat li Bonello xehed li ma kienx preżenti għal din il-laqgħa iżda sar jaf dwarha mingħand l-istess Disma:

> "*.....qalli Disma attard [li Jimmy] mar izur lil Disma Attard..... meta jimmy magro talabni il-flus jiena ghidt lid Disma li talabni il-flus, jien ma kontx lest nohrog flus, u Disma ma kienx lest johrog flus, id-Disma qalli jekk irrid il-flus imur jahdem.... umbghad gara il-każ illi meta qed lil jimmy ghetlu jekk jekk u jekk u jekk trid mur ahdem, u jimmy kif qalli Disma, mar jarah, jien ma kontx hemm* ***meta jimmy mar jarah lid Disma, u meta mar jimmy jara lid-Disma kien***

---

[151] Fol.401
[152] Fol.395-397
[153] Fol.45 Rapport PCAC u fil-proċediment penali a fol.402
[154] Fol.402-403

***ma chris borg [recte Cassar], għaliex skont id-Disma jimmy qallu għaliex ma tahdimx ma dan milli ma bonell..... dan li qalli Disma*"*.*[155]

**4.** Il-fatt li Bonello mar jinforma lil Attard dwar it-talba ta' Magro turi li dan id-diskors kien ġa sar.

X'raġuni kellu biex imur jgħidlu dan kollu jekk ma kienx minnu? Żgur ma kienx ser iżżommhom għalih! Bonello kien lest ixxaħħam lil Magro iżda ma riedx joħroġhom hu. Indubbjament dan jixħet dawl xejn sabiħ fuq il-karattru ta' Bonello.

L-Ispettur Farrugia xehdet li meta kellmet Disma Attard qalilha li *"jiena qatt ma talabni flus lili,* ***qalli però Victor kien ġie qalli li talbu xi flus u jien kont għidtlu li jekk Jimmy Magro jrid għaxart elef imur jaħdem."***[156]

Ma jonqos li tiġi sottolinejat r-rimarka tal Ispettur Farrugia li temfasizza kif waqt l-istqarrija tiegħu kien Disma Attard li semma iċ-ċifra ta' €10,000 minn jeddu meta hi ma kienetx laħqet semmiet xi ammonti!

Evidenza li diskors dwar €10,000 kien ntqal lilu minn Bonello kif jixhed l-istess Bonello. Mela ma ivvintax stejjer Bonello kif jikkontendi l-imputat bit-teżi difensjonali tiegħu:

> *"Irrid nghid li meta qalli dan id-diskors Disma Attard, jiena ma kont ghadni semmejtlu l-ebda flejjes, l-ebda cifra jigifieri din harigha minn jeddu din is-somma. Fil-fatt imbaghad kont staqsejtu wkoll fiz-zmien li kontu qed taghmlu l-applikazzjoni Victor Bonello ġie qallek xi haġa fuq Magro u kien qalli li talbu xi flus u jekk Jimmy Magro jrid ghaxart elef imur jaħdem.*"[157]

**5.** Hu l-istess Disma Attard li fix-xiehda *viva voce* tiegħu jikkonferma li kien ltaqa' ma Magro u Chis Cassar fir-razzett tiegħu, u dan wara li ntrebah it-*tender* għall-art u qabel ma saru bids ghat-*tender* tal-*composter*.[158] Attard ammetta wkoll li kellu diversi laqgħat ma Jimmy Magro **iżda konvenjetntement ma jespandix fuq dwar xhiex kien diskuss fihom!!** Jixhed:

> *"Pros: Issa kelmek xi hadd iehpor fuq it-tender?*
> *Xhud: Kien kellimni Chrust imbghad fuqu imma dak wara...kien kellimni. Ghitlu ma jinteresaanix jien.*

[155] Fol.458-460
[156] Fol.23 per xiehda ta' Disma Attard
[157] Fol.22-23
[158] Fol.394

*Pros: Kien hemm xi hadd iehor ma Chris dakinhar?*
*Xhud: Le, le, Magri...Kellu jiġi Jimmy Magri.*
*Pros: Jimmy Magri.U John Mary magri, Jimmy Magro x'qallek lilek dakinhar?.... inti fejn kont meta ġie jkellmek Chris?*
*Xhud: Ir-razzett tieghi.*
*Pros: Ir-razzett tieghek. U min kien ġie iezjed miegħu? Ġie Jimmy Magro, Is-Sur Jimmy Magro, lilek kellmek dakinar?*
*Xhud: imma ma tkellimna qatt fuq affarijiet fuq li qal l-iehor. Qat ma kellimni.*
*Pros: Fuq li qal l-iehor?*
*Xhud: meta xehdna quddiem, jiena diġà ghamilt ix-xiehda kollha, allura għalfekjn qed tistaqsini jekk hemm kollox miktub?*
*Qorti: Għax m'aghndux x'jaqsam*
*Xhud: Nista' ma nweġibx mela jien? Jien nista' ma nwegibx. Nista ma nwegibx hux.*
*Qorti: Mela, x'kienet id-domanda illi għalija mhux qiegħed twieġeb?*
*Xhud: Le għax għidt li hemm kollox miktub, allura la hemm kollox bil-miktb mhux ha nibda, la ha nibda u lanqas inzid. Għalfejn ha noqghodu dan? Hemm kollox, ta' dakinhar kollox frisk miktub....kollox minnu. Daqshekk*
*Qorti:: Bil-ġurażment qisek qed tirrepetih?*
*Xhud: ...li hemm miktub huwa minnu kollu....mhux ha nibdel xejn....Ghandi kollox bil-miktub u ffirmajt għalih?"*[159]

**6.** Mitlub jgħid miċ-Ċhairman tal-PCAC jekk kienx minnu li Bonello qallu li Magro talbu flus minħabba l-SCROW:

***"Disma Attard ikkonferma li huwa kien vera qal lil Bonello li jekk Jimmy Magro jrid il-flus, allura jmur jaħdem. 'Iva hekk għidtlek'*** *(paġina 5 tad-depożizzjoni).* ***Disma Attard ikkonferma wkoll li Jimmy Magro mar għand Disma Attard flimkien ma' Chris Cassar. Issikkat miċ-Ċhairman is-Sur Bonello ikkonferma li Disma Attard kien uża l-espressjoni 'Dak il-ħanżir ġie hawn'. Disma Attard kien jaf li Jimmy Magro talab il-flus lil Bonello għax Bonello kien mar għand Disma Attard. Iċ-Chairman reġa' staqsa lil Disma Attard riedx jgħid xi ħaġa fuq din l-espressjoni u Disma Attard qal li ma ried jgħid xejn. "***[160] [emfasi tal-PCAC]

**7.** Ma tistax ma ssirx osservazzjoni mill-Qorti dwar dan il-punt fis-sens li ma jagħmel l-ebda sens li kieku mhux tassew Magro talab l-għaxart elef lil Bonello li l-istess Bonello mar jgħid b'dan lil Disma Attard. Wara kollox Attard kien jaf lil Magro għax wara li rebħu l-ewwel *tender* u saħansitra marru jieklu flimkien. B'hekk xejn ma kien iżżommu milli jivverifika hu stess ma Magro dwar din it-talba jew jistaqsieh dwarha!!

Disma ikkonferma mal-PCAC li:

[159] Fol.395-397
[160] Fol.45

*"**Ma Jimmy Magro kellu diversi laqgħat** iżda s-Sur Bonello kien mar darba biss......Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tax-xhud għall-fatt li l-mod kif kien qed iwieġeb ma kien konvinċenti xejn. Ix-xhud ftakar li kien **'La Spigola' ġewwa Marsaskala fejn kienu preżenti s-Sur Jimmy Magro, is-Sur Bonello u Abdon l-Ispanjol**.....ix-xhud kien rebaħ biss liema post kienu ser jużaw għat-tined (fol.11)."*[161]

**8.** Korroborazzjoni oħra tal-verżjoni ta' Bonello, li għalkemm ma torbotx l-imputat mar-reati addebitati lilu, toffri prova dwar kemm hu veritjier Bonello fejn dak li jixhed għandu mis-sewwa, temana minn dak li seħħ wara li t-*tender* tiegħu ma Disma Attard qatt ma ġiet sottomessa iżda t-*tender* intrebaħ minn Chris Cassar, li l-file tiegħu rah Bonello meta mar fl-uffiċju ta' Attard u hemm induna li nħaddem.

*"meta d-Disma ma jafx jaqra, meta fuq id-desk kellu file ta' Chris Cassar [King Long], fuq id-desk tiegħu u dan qed jghidli li ma jafux, iltaqa' miegħu l-ewwel darba meta Jimmy Magro hadu r-razzett. Ghax jien ghidtlu laghbtni, ghidtlu Disma ghidtlu laghbtni ma' Chris Cassar mela allura inti, qalli le qalli lanqas nafu. Ghidtlu ma tafux, ghidtlu ghandek il-file hawn quddiemek".*

**9.** Dan hu l-istess Cassar li, fi kliem Disma, Magro kien mar miegħu ghandu wara li nqala' l-barra Bonello. Il-presenza ta' Magro fil-proċess intjier tibqa kostanti w kontinwa, jlaqqa *bidders* potenzjali u jiekol magħhom:

**10.** John Chetcuti, Direttur u Managing Director ta' John Ripard & Sons (Shipping), rapprezentanti ta' MCE, carrier shipping line, ikkonferma *bill of lading* li turi li s-*shipper* kien Kollvik Recycling bil-*consignee* tkun il-AKL, iżda il-wassla kellha tiġi notifikata lil DDE Attard. Jixhed li fuq struzzjonijiet tal-imputat, għalkemm il-*consignee* kienet il-AKL f' *email* mingħand l-imputat ingħataw struzzjonijiet li dan il-makkinarju kellu jiġi delivered lil DDE Attard Limited.

Id-dell ta Magro jippervadi lull stadju tal-proċess - fejn issa ma ghadx hemm il-figura ta' Bonello w għalhekk żgur li dan id-dettal ma setghax jiġi fabbrikat minn l-istess Bonello kif jikkontendi l-imputat dwar il-verzjoni intera li taha Bonello.

Bonello semma kif wara li rebħu t-*tender* dwar l-art, hu w Attard stiednu lil Magro u Ruth Debrincat għall-ikla li kienet isir kull nhar ta Sibt, iżda mar Magro waħdu; l-ikla saret fir-razzett ta' Attard ix-Xgħajra.[162]

[161] Fol.40
[162] Fol.264

Anke dwar din l-ikla l-imputat jittenta jiżgwida l-Qorti għaliex mitlub mill-prosekuzzjoni kienx jaf lil Disma Attard għall-ewwel jgħid li qatt ma ltaqa miegħu, iżda meta tissemma l-ikla jipprova jdawwar il-verżjoni:

*"Ix-xhud: Le, dak iż-żmien kien diġà deċiż kollox. Dak iż-żmien kien diġà deċiż kollox. Inti, ifhimni 'l hawn, lil Disma Attard konna diġà tajnih il-concession biss jiħħowstja l-composter. ..........*

*Pros: Imma inti qatt iltqajt mad-Disma qabel?*

*Ix-xhud:* ***Le, le, qatt ma ltqajt mad-Disma qabel****.*

*Pros: Qabel ma rebaħ it-tender, mhux l-ewwel wieħed –*

*Ix-xhud: Le, le,* ***mad-Disma qatt ma kelli kuntatt jien****. Kont naf jiġifieri ismu u hekk, għax sintendi businessman, aw, imma qatt ma kelli kuntatti...*

*Pros: Qatt ma kellimtu. <u>Jew attendejt xi ikla forsi</u> jew hekk?*

*Ix-xhud: Iva, imma din tal-ikla ħa ngħidlek,*

*Pros: ...*

*Ix-xhud: Le, ħa ngħidlek –*

*Pros: iva, għidha, mela le!*

*Ix-xhud: Għax ifhimni, dawn huma konġetturi illi trid –*

*Il-Qorti: Minuta, le. Inti għidt qatt ma ltqajt miegħu. Issa, jidher li kien hemm xi ikla jiġifieri?*

*Ix-xhud: Iva, imma* ***l-ikla wara li rebaħ it-tender.*** *Ħa nispjega, Sinjura Maġistrat, qed tifhem?*

*Il-Qorti: Le, le, wara li rebaħ it-tender mort ikla. M'hemmx għalfejn –*

*Pros: Wara t-tender, kemm tgħidli wara t-tender. Toqgħodx tinkwieta.*

*Il-Qorti: M'hemmx għalfejn.*

*Ix-xhud: Ħa nispjega. Jien m'għandi xejn x'naħbi, ifhimni 'il hawn.*

*Pros: Le, m'hemmx għalfejn, toqgħodx tinkwieta. Kemm tgħidli wara t-tender.*

*Ix-xhud: Iva, iva, eħe. Imma ħa ngħidha kollha........ Mela dan Victor Bonello għandu karattru illi dan taparsi xi connoisseur fuq l-ikel u l-in*bid*, qed tifhem? dan kull fejn imur espert tal-in*bid *u espert tal-ikel. U dan kellhom kċina fil-farm tal-ħnieżer u tal-baqar x'imkien lejn ix-Xgħajra, u dan qalli, "Jimmy, issa nagħmlu ikla," qalli, "anke lit-tfajliet ġibhom miegħek." Issa, jiena se ngħidha bl-iktar, anke jekk nieħu tlett ġuramenti, bl-iktar mod minn qalbi. Jien dak it-tip ta' ikliet ma mmur għalihom għax jiena l-laħam ma niklux, jiġifieri issa hemm il-mara hemmhekk, tista' tispjegalek hi, qed tifhem? Jiena dak it-tip ta' laħam u dak it-tip ta' ikliet ma mmurx. U mort, mort għaliex ma ridthomx jieħdu għalihom, qed tifhem? li bħal speċi qed jistidnuni għal ikla u jiena ma mortilhomx għal din l-ikla. Dan kien ġo farm, jiġifieri tista' taħseb ġo farm x'rieħa kien hemm, ma kienx qiegħed ġo xi kastell Pariġi, qed tifhem? Kien ġie Victor –*

*Pros: Mela nagħmlu l-aħħar mistoqsija, Sur Magro, għax inkella ħa nibqgħu hawnhekk.*

*Ix-xhud: Iva, imma ifhimni, nibqgħu hawnhekk...! intom ilkom erba' snin ittuni ġo fija!*

*Pros: Jien ma tajtek xejn ġo fik! Ix-xhieda.*

*Ix-xhud: Ix-xhieda. Allura issa jien irrid ngħid tiegħi.*

*Pros: Għid kemm trid.*

*Il-Qorti: Għidli. Mela mort u kilt f'razzett.*

*Ix-xhud: Għax jien sagħtejn kulma kelli.*

*Il-Qorti: Mela mort u kilt f'razzett. Imma m'hemmx għalfejn intawlu.*

*Ix-xhud: Le, le, imma jiena mort ġo din l-ikla żgur biex xi ħadd jinfluwenzani kif għandi niddeċidi l-affarijiet li rrid nagħmel jiena jew li kienu responsabiltà tiegħi. U l-proġett żgur li ma kienx diskuss f'din l-ikla. Inti taf li meta tmur ikla bejn il- ħbieb mhux se toqgħod tidħol f'tal-business. Qed tifhem?"*[163]

Minkejja li l-imputat irid jaghti l-impressjoni li mar għall-ikla kontra qalbu, hu l-istess Disma Attard li jikxef kemm l-imputat hu inveritjier għaliex **Magro sahansitra mar għall-ikla oħra għandu, din id-darba ma Chris Cassar u din id-darba wara li ntrebħet it-*tender* għall-magna u ċioè għal *composter*!!**

**11.** Il-veracità tal-verżjoni ta' Bonello tidher meta dwar it-tender għall-art fejn kellu jitwaqqaf il-makkinarju, jixhed li ma kienx hemm flus mitlubin minn Magro. Xejn ma kien iżżomm lil Bonello milli jagħmel dan għajr il-verità u jisħaq li, wara li rebħu t-*tender* għall-art, hu w Attard tant kienu ferħanin li rebħuha li għalhekk stiednu lill-imputat għall-ikel.[164]

**12.** Attard, mitlub jgħid miċ-Ċhairman tal-PCAC jekk kienx minnu li Bonello qallu li Magro talbu flus minħabba l-SCRO xehed:

***"Disma Attard ikkonferma li huwa kien vera qal lil Bonello li jekk Jimmy Magro jrid il-flus, allura jmur jaħdem. 'Iva hekk għidtlek'*** *(paġina 5 tad-depożizzjoni).* ***Disma Attard ikkonferma wkoll li Jimmy Magro mar għand Disma Attard flimkien ma' Chris Cassar. Issikkat miċ-Ċhairman is-Sur Bonello ikkonferma li Disma Attard kien uża l-espressjoni 'Dak il-ħanżir ġie hawn'. Disma Attard kien jaf li Jimmy Magro talab il-flus lil Bonello għax Bonello kien mar għand Disma Attard. Iċ-Chairman reġa' staqsa lil Disma Attard riedx jgħid xi ħaġa fuq din l-espressjoni u Disma Attard qal li ma ried jgħid xejn. "***[165] [emfasi tal-PCAC]

Għalhekk anke hawn Bonello jiġi korroborat. Hu l-istess Disma Attard li ukoll jikkonferma dak li iddikjara Bonello dwar l-ikla li kellhom fir-razzett ta' Attard wara li dan tal-aħħar, ma Bonello rebħu t-*tender* għall-art fejn kellu jitwaqqaf il-*composter*.

**13.** Ma tistax ma ssirx osservazzjoni mill-Qorti dwar dan il-punt fis-sens li ma jagħmel l-ebda sens li kieku mhux tassew Magro talab l-għaxart elef lil Bonello li l-istess Bonello mar jgħid b'dan lil Disma Attard. Wara kollox Attard kien jaf lil Magro għax wara li rebħu l-ewwel *tender* sahansitra marru jieklu flimkien u b'hekk xejn ma kien iżżommu milli jivverifika hu stess ma Magro dwar din it-talba jew jistaqsih dwarha!!

---

[163] Fol.586-587
[164] Fol.467
[165] Fol.45

**L-imputazzjonijiet**

Ikkunsidrat,

Il-Qorti issa ser tibda tikkunsidra d-diversi reati addebitati lill-imputat fejn irid jiġi determinat jekk abbażi tal-provi li għadhom kemm ġew ikkunsidrati, għandhiex tinstab ħtija o meno fl-imputat fuq l-akkużi miġjuba kontrih.

A. *L-Ewwel u T-Tieni Imputazzjoni: Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali*

L-imputat ġie addebitat bir-reati ta' frodi nominata kif ukoll ta frodi innominata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissusisti r-reat ta' truffa:[166]

> Fil-Liġi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun ġie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).[167]

X'jikkostitwixxi raġġiri w artifizji ġie ikkunsidrat f'diversi sentenzi fosthom dik **il-Pulizija vs Charles Abela** fejn il-Qorti għamlet eżami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi:[168]

> Fi kliem **Antolisei**:[169]
>
> *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... ċioè che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.
>
> Antolisei jkompli jgħid pero li

[166] Deċiża 15.12.2011 per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke

[167] **Il-Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deċiża 30.12.2004 u l-ġurisprudenza hemm kwotata

[168] Deċiża 06.07.2016 per Onor. Maġistrat Dr. Josette Demicoli

[169] **Manuale Di Diritto Penale** (Giuffre) paġna 356

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*[170].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Liġi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, ċioè dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*[171]

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[172]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u ċioè' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u ċioè' l'użu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imħallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bħala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodici Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiz, u għal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bħala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a. b'mezzi kontra l-liġi, jew*
*b. billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

[170] Op. Cit. paġna 357
[171] **Pulizija vs Emanuel Ellul;** Deċiża 20.06.1997
[172] Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima; Deċiża fit-2.03.2011

*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgħa fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaġinarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. …."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawża "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imħallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat għall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilità' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċioè' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tiegħu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi oħra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*
*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' ċioè' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza oħra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche***

***l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, <u>la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto</u>. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, għalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed għal kummissjoni ta' dana ir-reat, iżda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u ċioè' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif ġie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu għal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija ċertament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għal qerq, ċioè' intiza jew preordinata sabiex il-<u>persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali</u> bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet għal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-oħra."*** [emfasi tal-Qorti]

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurispridenzjali magħdud mar-riżultanzi proċesswali, il-Qorti tqis li fl-ebda ħin ma ġie pruvat li l-imputat għamel xi użu ta' artifizji, raġġiri jew xi tip ta' qerq jew ingann iehor li permezz tiegħu approfitta jew għamel xi xorta ta' qliegħ għad-detriment tal-ASL, tal-Agencia d'Ecologia Urbana de Barcelona u/jew tal-Unjoni Ewropea.

Hu minnu li dan il-proġett spiċċa miet qabel ma twieled. Lanqas jum wieħed ma ħadem iżda provi biex jissostanzjaw l-elementi kollha li dawn ir-reati jipprospettaw baqaw ma nġabux il-quddiem sal-grad mistenni tal-prosekuzzjoni.

Lanqas ma jista' jingħad sal-grad taċ-ċertezza morali li kien l-imputat il-kaġun uniku għan-nuqqas ta' vijabilità tal-proġett, anzi tal-fjask enormi li kien dan il-proġett. Proġett li ra eluf ta' spejjez, minn fondi tal-Unjoni Ewropeja, jiġu mberbqa b'mod sfaċċatament negliġenti b'impunita. Dan il-proġett wera tassew nuqqas ta' serjetà u professjonalità mistennija fl-użu ta' kwalunkwe fondi u senjatament Fondi Ewropej; tali għemil jaf ikollu konsegwenzi serjissimi għal Malta fejn pajjiżna jista' jiġi perċepit bħala tali li ma jgawdix l-affidabbiltà rikjesta biex jibbenefika minn fondi Ewropej għall-proġetti futuri biex ma jingħad xejn dwar li jista' jkun hemm talba mill-Unjoni Ewropeja sabiex il-fondi allokati għal dan il-proġett jiġu rimborsati lura fl-intjier tagħhom.

Madanakollu dawn huma biss kwistjonijiet u konsiderazzjonijiet li jmorru lill'hinn mill-kompitu ta' din il-Qorti u d-deċiżjoni minnha mistennija f'dan il-proċediment.

B. *It-Tielet (3) Imputazzjoni: Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kodiċi Kriminali*

Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita wkoll ġie imputat lil Magro u dan peress li t-teżi tal-prosekuzzjoni hi dik li, fil-kapaċità tiegħu kemm personali iżda iktar minn hekk bħala rappreżentant tal ASL, għamel użu ħażin minn fondi fdati lilu.

Jingħad mill-ewwel li ma hemm l-ebda prova li f'xi ħin dawn il-fondi ġew mgħoddija lil Magro fil-vesti personali tiegħu, iżda dawn għaddew lil ASL li fiha altru li kellu rwol rappreżentattiv bħala Project Manager fuq Fondi Ewropej.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** intqal:[173]

> Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jiġi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.
> [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Imbagħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** il-Qorti kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel:[174]

> "Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
>
> 1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
>
> 2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju ċioè tal-proprjeta' għaliex f'dan il-każ ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
>
> 3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
>
> 4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu il-haga ċioè japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

[173] Deċiża 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho,** Deċiża fl-4 ta' Frar 2013

[174] Deċiża 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imħallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor".

Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-fondi provvenjenti mill-Unjoni Ewropeja jew xi parti minnhom qatt ma sar xi profitt jew gwadann minnhom mill-imputat personalment jew f'xi kwalità rappreżentattiva li kellu fl-ASL. Anzi l-istess provi juru li kienet is-soċjetà *Kollvik Recycling SL* li rebħet it-*tender* ibbenefikat minn dawk il-fondi wara li biegħet il-makkinarju lil AKL kif jixhdu l-pagamenti li saru mill-Assoċjazzjoni lil Kollvik Recycling S.L. u dan skond *invoices*[175] maħruġa lil AKL minn Kollvik.[176]

Il-pagament kien maqsum fi tlett (3) *installments* u ċioè fuq *invoices* li ntbagħtu minn Kollvik kif ġej: 02.12.2015 €17,287; 14.12.2015 €17,287 u €15.12.2015 għal €138,296.[177] Prova tal-pagamenti li saru mill-kont tal-AKL ġew ukoll esibiti.[178]

Għal dawn ir-raġunijiet ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għal din l-imputazzjoni.

### *Ċ. Ir-Raba (4) Imputazzjoni: Artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali*

Għalkemm l-Avukat Ġenerali fin-Nota ta'Rinviju għal Ġudizzju jindika bħala artikoli tal-Liġi l-artikoli 115(1)(a), 115(1)(b) u 115(1)(c) tal-Kodiċi, l-akkuza addebitata hi limitata għar-reat kontemplat bl-Artikolu 115(1)(b). Għalhekk din il-Qorti ser tillimita ruħha għal din l-imputazzjoni biss u dan tenut kont li l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali neċessarjament iridu jorbtu mal-imputazzjoni li tiġi addebitata lil persuna imputata.[179]

Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Ferris** għamlet eżami *funditus* dwar ir-rekwiżiti legali sabiex jissusistu ir-reati kontemplati bl-artikoli 115(1)(b) u 121A(2) tal-Kodiċi Kriminali:[180]

> Dan qed jiġi sottolinjat peress illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jitratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku, li tahtha hija ipprospettata l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellat, tiddisponi hekk u dan fis-sub-inciz (b) tiegħu:

---

[175] **Dok.YF10** a fol.88 et seq
[176] Fol.413-415 per Silvio Chetcuti
[177] **Dok.YF10** a fol.88 et seq
[178] Folder preżentat minn Silvio Chetcuti a fol.427 et seq.
[179] Vide f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Gianluca Caruana Curran u Charles Joseph**; Seduta 27 ta' Ġunju, 2022. Kump. Nru.34/2021. Per Onor. Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras
[180] Qorti tal-Appell Kriminal; Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 289/2015; Seduta 17 ta' Marzu, 2016

***"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jircevi jew jaccetta għalih jew għal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li għalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati"***

Ovvjament dana l-artikolu jirreferi għall-korruzzjoni passiva, ċioè` dik imwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku.

**"B'referenza għall-ligi Taljana, li hi, pero`, differenti f'diversi aspetti minn taghna, in-Novissimo Digesto Italiano (UTET, 1957, vol. IV, v. corruzione, p. 899) jgħid hekk: "La corruzione si presenta sotto una duplice forma: passiva e attiva. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda ċioè` il fatto dell'*intraneus*, pubblico ufficiale o incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, per un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio. La seconda, e ċioè` l'attiva, e` costituita dal fatto del corruttore; e riguarda, ċioè`, la condotta dell'extraneus, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."**

**Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bħala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*.**

**Malli l-ufficjal pubbliku jaccetta l-weghda jew offerta ta' flus jew utili iehor – u tali accettazzjoni tista' tigi ndikata anke b'semplici dikjarazzjoni li huwa "lest li jghin" jew "lest li jara x'jista' jsir" jew espressjonijiet simili li juru li huwa lest li jieħu in konsiderazzjoni dak li jkun gie propost lilu li jsir versu l-korrispettiv prospettat – huwa jkun sar hati tar-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115(b) imsemmi. Jekk, in segwitu, dak li jkun gie prospettat lilu (fil-każ in dizamina, li jkun hemm riduzzjoni fil-piena) effettivament isehh, huwa jkun effettivament naqas li jagħmel dak li jkun fid-dmir tiegħu li jagħmel fit-termini tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 115.** [181]**"**

Illi din is-silta tixhet dawl fuq zewg elementi essenzjali sabiex tigi stabbilita ir-reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi. L-ewwel wahda illi il-weghda jew ghoti ta' rigal trid issir in konnessjoni ma' "*un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio*" u fit-tieni lok irid jezisti dak il-"*pactum sceleris*" bejn il-persuna li tikkorrompi u l-ufficjal pubbliku.

Issa f'dan il-każ gie stabbilit illi ma kienx fi dmir tal-appellat illi jippartecipa fil-proċess ta'l-aggudikazzjoni u li tali decizjoni ma kenitx taqa' fil-mansjonijiet tiegħu. Fil-fatt l-appellat ighid illi meta kien avvicinah Farrugia huwa stess infurmah illi d-decizjoni ma kenitx tispetta lilu u li kien ha ir-rigali ghax dak il-hin beza' u tfixkel u ma kienx jaf kif kellu jirreaggixxi meta affaccjat b'din is-sitwazzjoni. Dan iwassal għal fattur iehor importanti u ċioè' illi l-provi in atti ma humiex bizzejjed b'sahhithom sabiex jindikaw illi kien hemm dak il-*pactum sceleris* u ċioè' dak il-ftehim bejn Farrugia u l-appellat. Dan għaliex jidher illi għalkemm l-appellat accetta r-rigali, huwa mill-bidunett ma kellu l-ebda intenzjoni ighin lil Farrugia kif kien mitlub illi jagħmel tant illi ir-rigali zammhom għalih u bl-ebda mod ma ipprova ighaddiehom lill-membri tal-Bord jew inkella ipprova jinfluwixxi fuqhom sabiex it-*tender* tigi aggudikata lil Farrugia. ……

---

[181] **Il-Pulizija vs Mario Camilleri et** – App.Krim, 30/07/2009

> Dan ifisser illi anke jekk *gratia argomenti* x-xhieda ta'l-appellat kellha tigi skartata xortawahda hemm nieqsa zewg elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni billi fl-ewwel lok huwa fatt inkontestat illi **id-decizjoni dwar l-aggudikazzjoni tat-*tender* ma kenitx "*un atto di ufficio*" riposte f'idejn l-appellat jew inkella li hu ghamel xi haga "*contrario a un atto di ufficio*" u fit-tieni lok hemm kunflitt fil-provi dwar l-ezistenza o meno tal-"*pactum sceleris*" bejn dawn it-tnejn minn nies kif rikjest fil-ligi**.

Dawn iż-żewġ rekwiżiti legali jikkonfiguraw fil-provi miġjuba l-quddiem f'dawn l-atti u jikkonvinċu lil Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali li:

(i) bil-pożizzjoni tiegħu fuq l-Adjudicating Board, l-aġġudikazzjoni tat-*tender* m'hemmx dubbju kienet tikkostitwixxix ***"una atto di ufficio"*** fdata lilu fil-mansjoni tiegħu bħala membru fuq dak il-Board fejn *multo magis*, bl-informazzjoni li kien qed jgħaddi lil Bonello dwar Beitia u dwar it-*tender* innifisha għamel atti ***"contrario a un atto di ufficio"*** tant li anke iddikjara l-falz fid-Declaration of Impartiality & Confidentiality, biex ma jitlifx postu fuq l-Adjudicating Board;

(ii) l-eżistenza tal-*"pactum sceleris"* tiġi konfermata biss b'dak li jixhdu kemm Victor Bonello u Disma Attard, iżda dik ix-xiehda tiġi msaħħa w konkretizzata bl-*email* mibgħuta minnu stess lil Victor Bonello fl-24-25 ta' Lulju 2014, anqas minn ġimgħa qabel ma nħarġet it-*tender online*, *tender* li kien ser ikollu rwol jiddeċiedi dwarha!

<u>Il-Kariga ta' Uffiċjal jew Impjegat Pubbliku</u>

**Louis Buhagiar,** in rappreżentanza ta' Jobsplus, ippreżenta l-*employment history*[182] ta' John Mary Magro minn fejn jirrizulta li bejn l-2007-2009 kien impjegat *full-time* mal-AKL bħala Segretarju Eżekuttiv, bejn Novembru 2009-Ġunju 2017 kien impjegat mad-Department for Local Government.

**Leanne Cassar**, Segretarju Eżekuttiv tal-AKL, ippreżentat il-kuntratti t'impjieg li l-imputat kellu mal-AKL. Kuntratt t'impjieg kien datat l-1 ta' Lulju 2007[183], b'*Addendum* f'Mejju 2011 fejn kien ser jingħata *allowance* ta' €800 mensili bħala <u>Project Manager</u>, li kien retroattiv għad-data tal-1 ta'Jannar, 2011.[184] Fih jinghad li l-ħlas ta' Magro kien ser issir minn fondi ta' *"IVC Programme within the scope of the Grisi Plus Project"* ko-finanzjat mill-European Regional Development Fund.[185]

---

182 **Dok.LB** a fol.320
183 **Dok.LC1** a fol.376 et seq
184 Fol.373. **Dok.LC2** a fol.382
185 Ibid.

*Agreement* ieħor fl-2013 hu dwar impjieg part-time li Magro ingħata mal-AKL bħala *Special Advisor.*[186] Esebiet ukoll *payslips* tal-imputat.[187]

**Leo Bonnici**, rappreżentant tal-Uffiċju tal-Prim Ministru (People and Standards Division), spjega li l-imputat kien **uffiċjal pubbliku fit-termini tal-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni fi Skala 5 sa mill-2009**. Baqa jżomm il-kariga ta' uffiċjal pubbliku anke meta fl-2014 kien *deployed* mal-Executive Chairman tal-Malta Project Coordinating Agency, il-Malta Enterprise.

Ġaladarba din hi entita pubblika Magro kien jaqa taħt id-definizzjoni ta' *public employee* ai termini tal-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni: *"F'dan il-każ,* ***dan daħal bil-110(1) sar uffiċjal pubbliku fit-2009 u ġie misluf. Jiġifieri hu baqa' uffiċjal pubbliku, iżomm il-privileġġi kolha tiegħu u jaqdi dmirijietu hemm.... Misluf.*** *Seconded nużawha għal public sector employees li jidħlu dritt hemm bil-110(6). U jiġu jaqdu dmirijiethom fil-Public Service għal ċertu perjodu... Dan il-kontra.* ***Dan ġie deployed hemm. Iż-żewġ kliem iffisru misluf. ... [il-Malta Enterprise] Hija public administration.*** *Id-differenza hija dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni."*[188]

L-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> (6) Dħul f'impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b'xi liġi jew taħt xi liġi oħra, u ma' kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, għandu, kemm-il darba dak id-dħul ma jkunx sar wara eżami pubbliku li jkun ġie avżat kif imiss, isir permezz tas-servizz għall-impjegat kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.[189]

Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Edward Caruana,** każ li jikkonċerna impjegat mal-Fondazzjoni Għall-Iskejjel t'Għada ikkunsidrat:[190]

---

[186] **Dok.LC3** a fol.383 et seq

[187] **Dok.LC5** a fol.387-389

[188] Fol. 538-539

[189] **110(2).** Delega ta' setgħa skont dan l-artikolu –

(a) tkun mingħajr ħsara għall-eżerċizzju ta' dik is-setgħa mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

(b) tista' tawtorizza lill-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra konċernata li jeżerċita dik is-setgħa sew b'riferenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew mingħajrha; u

(ċ) dwar l-impieg ta' uffiċjali pubbliċi minn barra s-servizz pubbliku, għandha, kemm-il darba dak l-impieg ma jsirx wara eżami pubbliku li jiġi avżat fil-Gazzetta, tiġi eżerċitata biss permezz ta' servizz għall-impjegar provdut minn fondi pubbliċi li jiżgura li ebda distinzjoni, esklużjoni jew referenza ma jsiru jew jingħataw favur jew kontra xi persuna minħabba l-fehma politika tagħha u liema servizz jipprovdi opportunità għall-impiegi biss fl-aħjar interessi tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in ġenerali.

[190] Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 475/2017. Seduta 29 ta' Marzu 2023

.....Il-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta Malta, li l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuqu fl-appell minnu ntentat sabiex isaħħaħ il-fehma tiegħu dwar in-natura tal-impjieg tal-appellat, daħal fis-seħħ fis-sena 2019.

Dan ifisser illi fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni, u ċioè' dak ta' bejn Jannar 2015 sa Ottubru 2016, kien għad hemm fis-seħħ il-Kapitolu 497 u ċioè' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, li permezz ta'l-Att III tal-2019 kien sostitwit u aġġornat permezz ta' Kapitolu ġdid, u ċioè' il-Kap.595. ....

Illi jibda biex jingħad illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada hija entita' governattiva, .... u ċioè' illi l-Gvern għandu <u>interess ewlieni fit-tmexxija tal- Fondazzjoni u kontroll effettiv fuq l-istess</u>, tant illi l-Bord tat-tmexxija tal-Fondazzjoni huwa maħtur unikament mill-Ministru responabbli għall-Edukazzjoni u wkoll il-Fondazzjoni tirċevi fondi pubbliċi sabiex tamministra u tmexxi l-proġetti tagħha kif approvati mill-Ministeru għall-Finanzi u fejn allura għandhom ikunu seġwiti ir-regoli tal-public procurement fl-għoti ta' *tender*s ta' xogħolijiet2 Fil-fatt il-Fondazzjoni hija elenkata bħala waħda mill-entitajiet tal-Gvern fis-sit uffiċjali gov.mt.

Illi l-Kapitolu 497 (u ukoll il-Kapitolu 595) tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu is-segwenti definizzjoni ta' entita' tal-Gvern:

> "entità tal-Gvern" tfisser organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi."

L-artikolu 3 ta' l-Att, imbagħad, jiddisponi illi:

> "Id-dipartimenti, aġenziji u entitajiet tal-Gvern huma korpi li jamministraw riżorsi pubbliċi u li jipprovdu servizzi lill-pubbliku jew **jaqdu funzjonijiet oħra f'isem l-Istat**."

Illi għalkemm ma tirriżultax mill-provi in atti, madanakollu, huwa fatt fid-dominju pubbliku illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' għada ma hijiex entita' imwaqqfa bil-liġi, iżda kienet imwaqqfa b'deċizjoni tal-Kabinett u kostitwita permezz ta' att pubbliku ippubblikat fl-10 ta' Mejju 2001. L-għan tal-Fondazzjoni kien u għadu li tieħu f'idejha il-manutenzjoni u xogħolijiet oħra in konnessjoni mal-iskejjel tal-Istat. Illi l-uffiċjali impjegati mal-Fondazzjoni jiġu magħzula mill-istess Fondazzjoni u ingaġġati permezz ta' kuntratt tal-impjieg milħuq bejn l-impjegat u l-Fondazzjoni. Issa din il-prassi ta' inġagg hija regolata bil-liġi u anke bil-Kostituzzjoni, tant illi L-Att dwar l-Impjieg u t-Taħriġ jistabbilixxi illi hija l-korporazzjoni Jobsplus li għandha f'idejha l-ingaġġ ta' impjegati mill-Gvern jew minn entitajiet u kumpaniji ikkontrollati mill-Gvern[191]....

Illi l-Kapitolu 497 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi bħala "impjegat pubbliku" bħala li tinkludi "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern, ......

Illi dan huwa mnissel minn direttivi nterni mill-People and Standards Division fil-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Gvern fejn fid-Direttiva numru 7 hemm hekk stabbilit:

> *This Directive applies to all Public Administration organisations which are not government departments, and which have a distinct legal personality and are authorised*

[191] Ara artikolu 15 tal-Kapitolu 343 tal-Liġijiet ta' Malta li kienet applikabbli fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni, liema liġi llum ġiet trasposta fil-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta

*by law to recruit and enter into contracts (herein after to as Public Sector entities) and to their respective Permenent Secretaries.*

Illi minn din id-Direttiva huwa evidenti allura illi l-entitajiet tal-Gvern, inkluża allura l-Fondazzjoni, taqa' fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika. Illi l-Kapitolu 497 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi bħala "impjegat pubbliku" bħala li tinkludi "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern, ……

…… bl-artikolu 2 tal-Kapitolu 497 jagħti s-segwenti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-amministrazzjoni pubblika u ċioè' "tfisser il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern, il-kummissjonijiet u l-bordijiet imsemmija f'dan l-Att." Illi l-liġi stess tagħti is-setgħa lill-organiżazzjonijiet u entitajiet tal-Gvern li għandhom personalita' ġuridika indipendenti li jieħdu ħsieb l-inġagg ta' uffiċjali fi hdanhom tramite il-korporazzjoni tal-Jobsplus. Dan ma jfissirx illi dawn l-impjegati ma humiex inġaggati fl-amministrazzjoni pubblika billi l-liġi stess tqies dawn is-soċjetajiet kummerċjali bħala entitajiet governattivi. …..

Illi dan ifisser illi l-awtur tar-reat mhuwiex biss l-uffiċjal pubbliku, iżda l-liġi tinkludi firxa aktar wiesgħa meta tinkludi fis-sanzjoni tagħha kull impjegat fl-amministrazzjoni pubblika. Similment, fid-dritt penali taljan12 fil-fatt l-awtur tar-reat huwa mhux biss "il pubblico ufficiale", imma ukoll "l'incaricato di un pubblico servizio". Illi allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi fl-atti ma hemmx provi biżżejjed li jindikaw illi l-appellat huwa impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u lanqas ma tara li kien hemm il-ħtieġa illi titressaq bħala prova mill-Prosekuzzjoni l-Att li bih twaqqfet il-Fondazzjoni jew inkella 12 Articolo 317 Codice Penale 9 rappreżentant mill-People and Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru billi huwa evidenti mill-atti illi, kif ingħad, l-appellat kien u baqa' impjegat ma' entitajiet governattivi, ……

….d-definizzjoni mogħtija ta'l-Amministrazzjoni Pubblika fil-Kapitolu 497, illum il-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta' Malta, li tagħti **definizzjoni aktar wiesgħa minn dik imħaddna fil-Kapitolu 490, u li allura tinkludi l-entitajiet governattivi** bħalma hi il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Illi allura stabbilit il-qafas leġislattiv regolanti l-amministrazzjoni pubblika u meqjusa l-provi li hemm fl-atti huwa indubitat illi l-appellat kien fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u allura jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi għar-reat imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, b'din id-dispożizzjoni tal-liġi tinkludi persuni lil hinn mid-definizzjoni tal-"uffiċjal pubbliku" mogħtija fl-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali. Illi finalment fit-termini tad-definizzjoni mogħtija ta' impjegat pubbliku jaqgħu dawk il-ħaddiema kollha li huma "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern", sabiex b'hekk anke minn din id-definizzjoni għandu jirriżulta illi l-appellat jaqa' fid-definizzjoni ta' impjegat fl-amministrazzjoni pubblika, kif ingħad.

Imbgħad fl-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Gvern Lokali, Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta hemm provdut:

"Assoċjazzjoni" tfisser l-Assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali rikonoxxuta bħala tali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(3);

37(3) Kunsilli Lokali għandhom jifformaw u jkunu parti mill-assoċjazzjoni li tiġi rikonoxxuta bħala tali mill-Gvern għat-tħaris u għall-promozzjoni tal-interessi komuni tagħhom kif ukoll jistgħu jkunu parti minn assoċjazzjonijiet internazzjonali ta' awtoritajiet ta' gvern lokali.

Id-dipendenza tal-Assoċjazzjoni fuq il-Gvern toħroġ b'mod ċar mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti 3 u 4 tar- **Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali:**

> 3.(1) Għandu jkun hemm Assoċjazzjoni li tkun tirrappreżenta l-Kunsilli Lokali kollha bil-għan li tħares u ġġib 'l quddiem l-interessi komuni tal-Kunsilli Lokali kollha u li tkun tirrappreżenta, unikament għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, lill-Kunsilli Lokali kollha, sew f'Malta sew barra minn Malta kif ukoll f'assoċjazzjonijiet internazzjonali ta' awtoritajiet ta' gvern lokali.
>
> (2) L-Assoċjazzjoni hija korp b'personalità ġuridika distinta bis-setgħa li tagħmel kuntratti, li tħarrek u li tkun mħarrka, u li tagħmel kull ħaġa oħra u li tidħol f'dawk l-operazzjonijiet li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju u għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti:
>
> Iżda l-Assoċjazzjoni ma jkollhiex setgħa li -(a) tissellef jew tislef flus ħlief bl-awtorità bil-miktub tal-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Finanzi;(b) tidħol f'xi għamla ta' soċjetà kummerċjali ħlief bl-awtorità bil-miktub tal-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Finanzi.............
>
> 4.(1) L-Assoċjazzjoni jkollha Kumitat Eżekuttiv li jkun magħmul minn ħdax-il Kunsillieri fil-kariga.
> (2) Il-Kunsillieri kollha fil-kariga eletti fil-Kunsilli Lokali kollha għandu jkollhom id-dritt li jeleġġu l-Kumitat skont ir-regolament 6.ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.
> (3) Il-Kumitat għandu, wara konsultazzjoni mal-Ministru, jaħtar Segretarju Eżekuttiv:
>
> Iżda meta l-Kumitat jirrifjuta jew jonqos milli jaħtar Segretarju Eżekuttiv, jew Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Ministrugħandu jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv.
> (4) Is-Segretarju Eżekuttiv jista' jkun uffiċjal pubbliku jew jista' jinħatar minn barra s-servizz pubbliku:
> Iżda jekk is-Segretarju Eżekuttiv jinħatar minn barra s-servizz pubbliku, għandhom jitħarsu l-ħtiġiet tal-artikolu 110(6)tal-Kostituzzjoni.

Fl-*Employment Contract* tal-imputat[192] li fih ġie ingaġġat bħala *Special Advisor* fi ħdan l-AKL, hemm stipulat li jrid isegwi r-regoli w regolamenti li japplikaw għall-uffiċju li ġie ingaġġat miegħu. Issa m'hemmx dubbju li l-Assoċjazzjoni hi regolata bir-**Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, (L.S.363.06)** kif ċitat.

Għaldaqstant u kuntrarjament tal-argumenti li nġiebu fis-sottomissjonijiet finali tal-imputat,[193]m'hemmx dubbju li bil-pożizzjoni tiegħu l-imputat Magro kien impjegat pubbliku.

---

[192] **Dok.LC3** a fol.383 et seq
[193] Fol.787

*D. Il-Ħames (5) Imputazzjoni: Artikolu 121A tal-Kodiċi Kriminali*

L-istess sentenza[194] kompliet:

Illi l-appellat qieghed jaffaccja ukoll l-akkuza hekk imsejjha "*trading in influence*" kif prospettata fl-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali fejn jinghad:

***"Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal dik il-persuna ohra jew għal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta' prigunerija għal zmien minn tlett xhur sa sena."***

Imbaghad fis-sub-iniciz 2:

***Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.***

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ġiet esposta f'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u ċioè' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo** u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gino Zammit** fejn inghad:

**"Illi minn eżami ta'l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-każ fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal C jew għal xi hadd iehor, prezumibbilment D."**

**Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq għalih innifsu jew għall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C. (sottolinear tal-Qorti).**

**Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru għal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz. Illi għalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi flart. 121A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva**

---

[194] **Il-Pulizija vs Raymond Ferris**; Qorti tal-Appell Kriminal; Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 289/2015; Seduta 17 ta' Marzu, 2016,

**l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C , ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu."**

Dan ifisser allura li kien mehtieg li fis-suggett attiv tar-reat kontemplat fis-subinciz (2) (f'dan il-każ l-appellat) ikun hemm ukoll il-kapacita li dik il-persuna tagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna ohra (u ċioè' il-membri tal-Bord ta'l-Aggudikazzjoni).

Illi f'dan il-każ għalkemm instemghu diversi xhieda din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jezistux provi in atti sufficjenti tali illi iwasslu sal grad tal-konvinciment morali illi l-appellat kellu il-kapacita fil-kariga okkupata minnu illi jinfluwixxi fuq il-mod kif kienu ser jiddeciedu il-membri tal-Bord ta'l-Aggudikazzjoni jew inkella li kien asserixxa ma' Farrugia illi seta' jezercita tali influwenza.

Kuntrarjament għal provi fil-każ appena ċitat, ma hemm l-ebda dubbju li Magro, bħala ***Special Advisor* u *Project Manager* fl-AKL u membru fuq l-Adjudicating Board** li fir-rigward tar-rapport tal-evalwazzjoni ta' *tender* ***"kont nirridigih jien"***[195]jikkwalifika bħala **impjegat pubbliku.**

Ma jistax jintesa li kien l-istess John Mary Magro li jikteb lil President tal-Assoċjazzjoni Dr. Marc Sant u jgħidlu: ***"Due to the technicality of the works, I am requesting that I should form part of the Evaluation Committee",*** talba li saret **fl-istess jum li ffirma id-*Declaration of Impartiality & Confidentiality*** *wara* li kien ilu jiltaqa' ma *bidders* sa minn xahrejn qabel!!

Mhux talli hekk, iżda dan id-dokument li esebih l-imputat stess juri li kien hu l-koordinatur assolut fuq it-*tender* proċess meta jaghti struzzjonijiet lil Dr. Sant

*"Marc,*

*In connection with the Scow Project, the LCA nees to set up an Evaluation Committee ..............*

*The Committee shall be composed of at least three members. AIS Environmental Limited will be the technical evaluators as external consultants of the project."*[196]

Dan juri kif m'hemmx dubbju li l-imputat, li f'idejh kienet fdata ir-responsabbiltà li ir-rapport tal-kumitat t'evalwazzjoni "***kont nirridigih jien"***[197] kif jistqarr fl-interrogazzjoni tiegħu. B'hekk jirriżulta li **kellu il-kapaċità jinfluwixxi fuq id-deċiżjoni tal-Board** li hu kien membru fih magħdud mal-fatt li xogħolu kien *"ġejt bi speċjalizzazzjonijiet ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropeja"*.[198]

---

[195] Fol.33 per John Mary Magro fl-interrogazzjoni tiegħu
[196] **Dok.JM5** a fol.722
[197] Fol.33 per John Mary Magro fl-interrogazzjoni tiegħu
[198] Fol.32

Iktar minn hekk mill-provi irriżulta kif l-imputat, **bl-għemil tiegħu w senjatament meta ltaqa ma Bonello wrieh b'mod ċar li seta' jeżerċita tali influwenza tant li tah informazzjoni kif għandha issir il-*bid* tiegħu mal-Ispanjol sabiex tkun tista' tintrebaħ minnhom.**

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi probatorji magħduda mal-insenjament tal-Qrati nostrani, il-Qorti issib li l-ħames (5) l-imputazzjoni ġiet ampjament ppruvata.

*E. Is-Sitt (6) Imputazzjoni: Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali*

Il-prosekuzzjoni xlit lill-imputat talli biex jikseb vantaġġ għalih għamel dikjarazzjoni falza jew taha tagħrif falż.

Din l-imputazzjoni ingħatat peress li lill-pulizija irriżultalha li Magro ssottometta lil ASL Declaration of Impartiality and Confidentiality datata t-12 ta' Settembru 2014[199] fejn rigward it-*tendering* proċess għal SCOW iddikjara li ma għandu l-ebda konflitt t'interess u li fir-rwol tiegħu ser jaġixxi imparzjalment skond ir-regolamenti.

Dan meta sa minn Lulju 2014 kien ilu f'kuntatt ma *potential bidder*, Abdon Beitia, kif ukoll ma Bonello biex ma jingħad xejn dwar kuntatti ma Disma Attard.

Lil Bonello kien diġà tah dettalji ta Beitia biex jagħmel kuntatt miegħu, turija ċara li kien hemm ġa intendiment li dan jirbaħ it-*tender*, kif ukoll żvela informazzjoni dwar meta ser tiġi pubblikata it-*tender*. Għalhekk meta iddikjara li ma kellu l-ebda konflitt t'interess kien qed jiddikjara l-falz.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tenniet:[200]

> 16. Il-falsifikazzjoni tikkonsisti jew billi wieħed jipprovdi dokument ġdid iżda li huwa minnu nnifsu falz u li jista' wieħed jgħaddih bħala wieħed awtentiku (ara definizzjoni ta' dokument mogħtija fl-artikolu 189A tal-Kap 9) jew li wieħed jibdel xi ħaġa f'dokument awtentiku. Biex wieħed jagħti eżempju prattiku wieħed jista' joħloq ċertifikat tat twelid b'konnotazzjonijiet foloz u li jidher awtentiku daqs wieħed ħiereġ mir-Reġistru Pubbliku. Jew inkella li wieħed ikollu ċertifiakt awtentiku ta-ttwelid iżda li jibdel xi konnotazzjoni fih.
>
> 17. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieġ li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) (alterazione) ta' dokument ġenwin. jew it-tibdil 18. Minħabba li l-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' 'Falsifikazzjoni', il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[201] jikkwota lill-awtur Pessina kif ġej:

[199] **Dok.YF9** a fol.87

[200] **Il-Pulizija vs Anthony Galea**; Per Maġistrat Dr. Laurence Quintano; Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010 Numru 472/2007

[201] **Prof. Anthony Mamo**; Notes on Criminal Law Part II paġina 153

‘I mezzi onde al vero si puo’ sostituire cio’ che non e’ tale si riducono sempre a due, come il formare ex integro un imitazione o il modificare qualche obbietto, qualche atto, qualche scrittura vera di guisa che per effetto della trasformazione indichi tutt’altro che il vero. Il primo modo piglia nome di contraffacimento dove che l’altro dicesi alterazione.’ ......

21. Fl-istess każ il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falso ideologico u il-falso materiale abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita’ materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id dokument ikun ġenwin ‘non e’ veridco, perche’ colui che lo ho formqto gli fa dire cose contrarie al vero.’

22. L’Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

‘Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto ewsclude la genuinita’ del documento, puo’ presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche’ il documento e’ posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell’alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall’autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui or ora abbiamo parlato.’[202]

23. Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b’approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny.

**‘Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.’[203]**

24. L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar ‘il fuq fejn jingħad ‘that the forgery must be in the ‘materialita’ della scrittura’, that is, the public or private writing in its external conditions as a document.’[204]

25. Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta’ l-Archbold ta’ l-1997:[205]

‘**The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: ‘By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: ‘Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.’ This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation**

---

202 **Antolisei F.** Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606
203 **Prof Anthony Mamo**; Notes on Criminal Law Part II pagina 161
204 **Professur Anthony Mamo**; op.cit. paġna 161.
205 **Archbold** ed.1997 paġina 1901 22-8

**to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it )or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.**

**In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of forgery set out in the Law Commission Report.'**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Elton George Spiteri** ikkunsidrat:[206]

> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:
>
> **"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u ċioè` fil-kontenut ideali tiegħu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideologiku, għalkemm id dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, iżda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jieħu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."**
>
> **Issa, dwar l-ewwel imputazzjoni l-appellant jgħid illi r-reat migjub fl-ewwel imputazzjoni huwa ta' min jagħmel dikjarazzjoni falsa billi f'dokument mehtieg mill-awtorita` pubblika, jimlieh falsament, jew jaghti informazzjoni falsa. Fil-każ in eżami, isostni l-appellant, dan ir-reat ma jirrizultax għaliex l-appellant ma kien mitlub qatt jagħmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif minn xi awtorita` pubblika. Inoltre l-falsita` trid tkun f'dokument mahsub għall-awtorita` pubblika. F'dar-rigward l-appellant ghandu ragun.**

Isegwi li l-imputat Magro, meta iddikjara li ma kellux konflitt t'interess u wiegħed kunfidenzjalità fid-*Declaration of Impartiality and Confidentiality* datata t-12 ta' Settembru 2014, taha informazzjoni falza w iddikjara l-falz.

Għalhekk qed tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

---

[206] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta 23 ta' Marzu, 2007; Appell Kriminali Numru. 40/2006

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset in-natura serjissima tal-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali netta tal-imputat esibita fuq ordni tal-Qorti, tal-fatt li għemil simili jtappan l-integrità ta' proċess ta' *tendering* u senjatament jista' jippreġudika irreparabbilment ir-reputazzjoni ta' pajjiżna mal-Unjoni Ewropeja li minnha jipperċepixxi fondi sostanzjali fosthom għall-proġetti utillissimi li minnhom jibbenefika l-Poplu Malti w Għawdxi.

Ittieħed kont li l-piena minima erogabbli għar-reat kontemplat bl-artikolu 121A(2) tal-Kodiċi Kriminali hi dik ta' tlett (3) snin li, bl-aggravju ravviżat bl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali li jimponi <u>żieda mandatorja</u> fuq dik il-piena ta' grad, il-piena minima għal dan ir-reat hi dik ta' erba' (4) snin priġunerija u dik massima ta' disa' (9) snin priġunerija filwaqt li dik kontemplata bl-artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi hi dik ta' bejn id-disa' (9) xhur u ħames (5) snin priġunerija. Il-piena għar-reat kontemplat bl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali hi ta priġunerija għal mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 92, 115(1)(b), 121, 121A(2),[207] 121A(1)(3), 141 u 188 tal-Kodiċi Kriminali, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal terminu ta' **priġunerija ta' erba' (4) snin u tmien (8) xhur.**

Inoltre, wara li rat l-artikoli 119 u 190 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni ġenerali perpetwa u għal dan il-għan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal- Kodiċi Kriminali,

Tordna li s-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

[207] Ħtija qed tinstab ai termini ta' dan l-artikolu li jkompli biex jagħmel riferenza għall-artikolu 121A(1) tal-Kodiċi Kriminali

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**